IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.10.2010
KUMM(2010) 700 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE

{SEG(2010) 7000 finali}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE

Id-deċiżjoni li ssir reviżjoni sħiħa u wiesgħa tal-infiq u r-riżorsi tal-UE ntlaħaq ftehim dwarha fl-2006[1]. Il-klima ekonomika nbidlet b'mod radikali minn meta ngħata l-mandat; u l-kriżi ekonomika globali poġġiet l-infiq pubbliku fil-qalba tad-dibattitu politiku fil-pajjiżi Ewropej. Madwar l-Unjoni Ewropea kollha qed isiru għażliet diffiċili. Il-prijoritajiet tal-infiq pubbliku qed jiġu sfidati b'mod li ma rajniex bħalu għal għexieren ta' snin.

Fl-istess ħin, l-infiq pubbliku kellu rwol ewlieni fil-proċess tal-irkupru. L-istimolu li ntlaħaq qbil dwaru fi tmiem l-2008 evitalna l-agħar tal-kriżi. L-għażla intelliġenti tal-miri fissret li l-istimolu ġie dirett lejn oqsma li jistgħu jagħtu l-frott fil-futur: lejn politiki li jsaħħu t-tkabbir, l-infrastruttura strateġika, il-prevenzjoni tal-qerda tal-kompetenzi u l-assi ta' importanza ewlenija mill-impatt tal-kriżi.

Din ir-reviżjoni għalhekk qed issir fi żmien fejn il-prijoritizzazzjoni, il-valur miżjud u l-kwalità għolja tal-infiq jinsabu fuq nett f'moħħ iċ-ċittadini. Hija ġiet wara proċess twil ta' konsultazzjoni u riflessjoni[2] li ppermetta li jiġu kkunsidrati ideat promettenti dwar kif il-baġit jista' jkun immirat l-aħjar sabiex jikseb l-għanijiet tal-UE, ikun ibbażat fuq il-politiki u jippromwovi l-istrateġija Ewropa 2020; dwar kif il-baġit jista' jagħti jagħti r-riżultati bl-aktar mod effettiv possibbli; u dwar kif nistgħu nerġgħu nħarsu mill-ġdid lejn l-aħjar mod kif nipprovdu r-riżorsi neċessarji biex jiġu ffinanzjati l-politiki tal-UE.

L-infiq pubbliku huwa biss mezz u t-tkabbir għall-impjiegi huwa l-prijorità ewlenija tagħna, li nikkonċentraw fuq li jkollna aktar nies jaħdmu, li nżidu l-kompetittività tal-kumpaniji tagħna u li nibnu suq uniku miftuħ u modern.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-proposti tagħha għall-qafas multiannwali li jmiss qabel l-1 ta' Lulju 2011. Din ir-reviżjoni tippreżenta xi wħud mill-kwistjonijiet li qed jiffaċċja l-baġit tal-UE għall-qafas li jmiss u lil hinn. Kif l-UE għandha tqis sew l-impatt tal-kriżi ekonomika u fiskali u l-isfidi fit-tul bħat-tibdil demografiku, il-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u l-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali. Kif il-kwistjoni mhix l-ewwel u qabel kollox dwar jekk għandniex nonfqu aktar jew inqas, iżda dwar kif insibu modi biex nonfqu *b'mod aktar intelliġenti*. Kif għandna nippreżentaw viżjoni ħolistika tar-riforma baġitarja, li tkopri kemm in-naħa tal-infiq kif ukoll dik tad-dħul tal-baġit.

Li naqblu dwar it-triq li għandna nagħżlu hija sfida importanti għall-Unjoni Ewropea, iżda hija wkoll kisba importanti. Hija tkun tirrappreżenta sinjal qawwi li l-Unjoni Ewropea hija

---

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 15 (Dikjarazzjoni Nru 3).

[2] Websajt ta' konsultazzjoni: http://ec.europa.eu/budget/reform/library/issue_paper/summary_consulation_doc_final_en.pdf

kapaċi tuża l-għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tagħmel differenza reali għaċ-ċittadini tagħha.

1. LIEMA LEZZJONIJIET MILL-BAĠIT TA' LLUM?

It-Trattat ta' Liżbona introduċa kuntest legali ġdid għall-qafas finanzjarju multiannwali. Huwa kkonferma l-ħtieġa li nipprovdu approċċ fuq tul medju għall-infiq tal-UE, kif ukoll il-prinċipju li l-UE hija ffinanzjata mir-Riżorsi Proprji. Dan ifisser li l-proċess ta' reviżjoni – filwaqt li ħares 'il quddiem – ibbenefika ħafna wkoll mill-esperjenza tal-perjodu ta' finanzjament kurrenti.

S'issa, il-baġit tal-UE ta prova li huwa għodda effettiva sabiex jiġu rrealizzati l-aspirazzjonijiet tal-UE u jiġu implimentati l-politiki tagħha. Il-baġit tal-UE għamel differenza reali fil-ħidma biex jinkisbu aktar tkabbir u aktar impjiegi, biex jissaħħu r-riċerka, il-kompetittività u l-ħiliet u biex jiġi żgurat li l-Unjoni toffri appoġġ partikolari lil dawk li l-aktar jeħtieġu s-solidarjetà. Huwa ta appoġġ partikolari lill-proġetti ta' prijorità, inkluż dawk li jikkontribwixxu għall-istimolu meħtieġ wara l-kriżi ekonomika. Huwa saħħaħ is-sigurtà tal-Unjoni. Wassal ukoll l-għajnuna lil mijiet ta' miljuni mill-ifqar nies fid-dinja, aċċellera l-iżvilupp tal-ġirien tal-UE u ppromwova l-politiki tal-UE madwar id-dinja.

L-għan għandu jkun li l-baġit jintuża bl-aktar mod effettiv possibbli sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-UE. Xi wħud mil-lezzjonjiet li għandhom jittieħdu sabiex isir progress lejn dan l-għan jinkludu:

- Sa mill-introduzzoni tagħhom fl-1988, l-oqfsa finanzjarji multiannwali tal-UE żguraw dixxiplina baġitarja stretta u prevedibbiltà fuq terminu medju tal-infiq tal-UE. Il-prezz biex inkisbet din il-prevedibbiltà kien li tnaqqset il-flessibilità. Is-snin li għaddew urew li l-qafas finanzjarju u l-programmi tiegħu mhux dejjem kienu kapaċi jirrispondu għall-imperattivi politiċi u t-tibdil fiċ-ċirkustanzi. Id-deċiżjonijiet tal-UE li tagħti għajnuna addizzjonali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw meta l-prezzijiet tal-ikel żdiedu ħafna fl-2008, li tirrispondi għat-tibdil fil-ħtiġijiet ta' proġetti importanti Ewropej bħal Galileo u ITER minħabba l-perjodi twal li fihom jiġu implimentati u l-evoluzzjoni fl-ispejjeż tagħhom, li tikkontribwixxi għall-istimolu ekonomiku fl-2008-2009, jew li tirreaġixxi għall-kriżijiet globali bħat-tsunami kollha sabu quddiemhom l-inflessibbiltà eċċessiva tas-sistema kurrenti. Dawn ġew akkomodati biss b'diffikultà kbira, u kienu jiddependu fuq marġini mhux mistennija f'partijiet oħra tal-baġit. Anki fi ħdan il-programmi, l-ostakli għar-riprijoritizzazzjoni għamluha aktar diffiċili li tingħata l-prijorità korretta lil kwistjonijiet ġodda bħall-emerġenzi tas-saħħa pubblika, li jiġu ffukati mill-ġdid il-ħtiġijiet tat-taħriġ fid-dawl tal-kriżi jew li jiġi rifless it-tibdil fir-relazzjoni tal-Unjoni mal-ekonomiji emerġenti. Għalhekk, l-inabilità tal-baġit sabiex "jistenna dak li mhux mistenni" għandha prezz operazzjonali u reputazzjonali għall-UE.

- Żvilupp ieħor imprevist tas-snin li għaddew kien il-kriżi ekonomika u l-effetti tagħha fuq id-dibattitu dwar il-governanza ekonomika. Dan enfasizza l-interdipendenza tal-ekonomiji tal-UE u l-ħtieġa li jissaħħu r-regoli komuni. L-ewwel nett, l-użu tal-baġit bħala kollateral sabiex jappoġġja l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni Ewropew wera użu innovattiv tal-baġit sabiex tiġi appoġġjata ħtieġa urġenti ta' politika, ikunu kemm ikunu stretti l-limiti imposti mil-limitu massimu tar-riżorsi proprji. Minbarra dan, ġie ssuġġerit li d-dħul tal-fondi tal-UE jista' jintuża sabiex jissaħħu sew il-miżuri preventivi u kif ukoll dawk korrettivi sabiex jiġi appoġġjat il-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir.

- In-natura tad-dibattitu li wassal għall-ftehim dwar l-aħħar qafas finanzjarju kellha wkoll konsegwenzi għall-abbiltà tal-baġit sabiex jagħti r-riżultati. Il-konċentrazzjoni fuq il-kwistjoni ta' "bilanċi netti" fissret li l-programmi kienu influwenzati mill-ħtieġa li tiġi mmassimizzata l-abilità li titqiegħed "bandiera nazzjonali" minn qabel fuq l-infiq. Dan ingħata prijorità fuq miżuri mfassla sabiex jittejbu r-riżultati, bħal djalogu ta' politika fuq skala kbira u ż-żamma lura tar-riżervi sabiex tiġi ppremjata l-effikaċja. Dan fisser ukoll li d-dimensjoni Ewropea – fejn l-UE tista' tagħti l-aktar valur miżjud – ma kenitx dejjem il-kunsiderazzjoni primarja. Id-dibattitu dwar il-"juste retour" għalhekk kellu impatt negattiv fuq il-kwalità tar-riżultati u naqqas il-valur miżjud tal-UE.

- Li jiġu stabbiliti programmi ġodda jieħu ż-żmien – partikolarment meta dawn ikunu bbażati fuq approċċ ta' sħubija sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet lokali. Iż-żmien disponibbli bejn il-ftehim dwar it-testi legali u l-bidu tal-perjodu tal-finanzjament huwa kruċjali sabiex dan jiffunzjona sew. Fil-perjodu ta' qabel l-2007, il-ftehim tard dwar il-pakkett ta' finanzjament naqqas dan il-perjodu kritiku. Ir-riżultat kien li l-bidu veru tal-programmi ddewwem, u f'xi każijiet dan kompla jikkawża dewmien tul il-perjodu kollu.

- Id-dewmien fit-tnedija tal-programmi, il-kumplessitajiet li hemm imnaqqxa fis-sistema, approċċ deċentralizzat ħafna u l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq il-baġits pubbliċi nazzjonali wasslu għal utilizzazzjoni bil-mod tal-infiq tal-koeżjoni. Tfassil aħjar, teħid ta' deċiżjonijiet aktar rapidu, proċeduri ssimplifikati u armonizzati, definizzjoni aktar ċara tal-prijoritajiet f'kull livell u approċċ aktar flessibbli lejn il-kofinanzjament kollha ġew identifikati bħala rimedji potenzjali.

- L-impatt tal-infiq tal-UE jista' jiġi mnaqqas mir-regoli dwar il-programmi kkonċernati. Filwaqt li l-kontrolli għenu sabiex jiżguraw titjib kontinwu fil-ġestjoni finanzjarja tajba, l-inkonsistenzi bejn il-programmi u l-piżijiet amministrattivi għoljin it-tnejn li huma rriżultaw bħala ostakli għall-effikaċja. Il-kontrolli kellhom ukoll it-tendenza li jivvalutaw il-programmi fuq il-bażi tal-inputs minflok tar-riżultati, u dan inaqqas l-inċentiva għal riżultati effettivi.

- Il-qafas finanzjarju eżistenti ħa l-ewwel passi fit-tnedija ta' approċċ ġdid għall-impatt li jista' jkollu l-baġit tal-UE. Jekk il-baġit tal-UE jista' jġib miegħu investiment minn sorsi pubbliċi u privati oħra, l-istess finanzjament jista' jikseb il-miri ta' politika tal-UE b'mod aktar effettiv. Dan l-approċċ irnexxa f'każijiet bħall-Faċilità Finanzjarja bi Qsim tar-Riskju, li tat spinta qawwija għall-investiment tan-negozju fir-riċerka b'riskju aktar għoli. Għalhekk, id-dominazzjoni tal-approċċ tal-għotjiet setgħet illimitat l-impatt potenzjali tal-baġit.

2. IL-PRINĊIPJI GĦALL-BAĠIT TAL-UE

Il-baġit tal-UE għandu jkun ibbażat fuq serje ta' prinċipji ewlenin. Dawn huma t-testijiet li bihom għandhom jiġu evalwati l-għażliet. Permezz ta' dawn il-prinċipji, iċ-ċittadini Ewropej għandhom ikunu jistgħu jifhmu aħjar għaliex qiegħed hemm il-baġit tal-UE, u kif saru l-għażliet l-aktar importanti.

2.1. It-twettiq tal-prijoritajiet ewlenin ta' politika

Il-baġit tal-UE huwa strument ewlieni fit-tiswir u t-twettiq tal-politiki tal-UE għaċ-ċittadini u għall-atturi ekonomiċi u soċjali. Mhuwiex l-unika għodda li l-UE għandha għad-dispożizzjoni

tagħha: bosta mill-għanijiet tal-UE jistgħu jintlaħqu permezz tal-liġi jew tal-koordinazzjoni tal-politika. Iżda huwa parti essenzjali mill-għażla ta' għodod li għandha l-UE.

Fost il-politiki li jeħtieġu nfiq pubbliku sinifikanti, il-piż tal-infiq għandu jirrifletti l-prijoritajiet ewlenin ta' politika tal-UE. Huwa għandu jirrifletti wkoll id-direzzjonijiet ta' politika l-ġodda tat-Trattat ta' Liżbona, l-importanza mogħtija lil oqsma partikolari, pereżempju bħall-enerġija u l-klima, il-projjezzjoni esterna tal-UE u l-ġustizzja u l-affarijiet interni.

Fuq kollox, għandu jkun imfassal bħala wieħed mill-aktar strumenti importanti sabiex tkun tista' titwettaq l-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir intelligenti, sostenibbli u inklużiv. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja ħalliet warajha tnaqqis fit-tkabbir. Li niffaċċjaw b'mod effettiv l-effetti tal-kriżi u li nżidu t-tkabbir potenzjali fi żminijiet ta' konsolidazzjoni baġitarja ma jistax jinkiseb fuq il-livell nazzjonali biss, iżda jitlob ukoll rispons komuni fuq il-livell tal-UE. Il-baġit tal-UE jeħtieġ li jgħin il-proċess tat-tiswija tal-kapaċità għat-tkabbir billi jitrażmetti r-riżorsi lejn fejn ir-riżultati jistgħu jaslu aktar malajr, b'mod aktar wiesa', u b'mod aktar qawwi.

2.2. Il-valur miżjud tal-UE

Filwaqt li l-valur miżjud ta' proġett politiku ma jistax jiġi ridott għal karta tal-bilanċ, din tal-aħħar hija test ieħor ta' importanza kbira sabiex jiġi ġġustifikat l-infiq fuq il-livell tal-UE: jekk l-infiq fuq il-livell tal-UE joffrix soluzzjoni aħjar għaċ-ċittadini minn infiq fuq il-livell nazzjonali. Id-dimensjoni Ewropea tista' timmassimizza l-effiċjenza tal-finanzi tal-Istati Membri u tgħin biex jitnaqqas l-infiq totali, billi jiġu miġbura flimkien is-servizzi u r-riżorsi komuni sabiex jinkiseb il-benefiċċju mill-ekonomiji tal-kobor. B'konsegwenza ta' dan, il-baġit tal-UE għandu jintuża sabiex jiffinanzja ġid pubbliku tal-UE, azzjonijiet li l-Istati Membri u r-reġjuni ma jistgħux jiffinanzjawhom huma stess, jew fejn jista' jikseb riżultati aħjar.

L-infiq tal-UE għall-2010 kien jammonta għal EUR 122,9 biljun. Dan huwa relattivament ftit meta mqabbel mal-baġits nazzjonali – u jikkonsisti f'1% tal-PDG tal-UE, meta mqabbel mal-infiq pubbliku globali li l-medja tiegħu hija ta' bejn 45% u 50% madwar l-UE. Oqsma kbar tal-infiq – bħal li jiġu pprovduti servizzi bħas-saħħa, l-edukazzjoni, is-sigurtà soċjali – huma d-dominju tal-baġits nazzjonali, kif għandu jkun, u jipprovdu servizzi li jirriflettu għażliet tas-soċjetajiet.

Iżda f'oqsma oħra, it-twettiq permezz tal-baġit tal-UE hija l-għażla razzjonali u l-aħjar mod biex jinkisbu l-għanijiet tal-UE. L-UE għandha 500 miljun ċittadin, u hija l-ikbar ekonomija fid-dinja. Dan joffri opportunitajiet reali sabiex jiġi sfruttat il-valur miżjud. Huwa jista' joffri ekonomiji tal-kobor u jippermetti l-immirar effettiv tal-prijoritajiet ta' politika u l-evitar ta' duplikazzjoni bla bżonn. L-iskala kontinentali tal-UE tista' tippermetti l-funzjonament tajjeb ta' politiki ewlenin, bħall-identifikazzjoni tal-eċċellenza fir-riċerka permezz tal-kompetizzjoni, fejn il-massa kritika meħtieġa ħafna drabi ma tkunx teżisti fuq il-livell nazzjonali waħdu. Hija tista' timla nuqqasijiet li jkun hemm minħabba d-dinamika tat-tiswir tal-politika nazzjonali, u l-aktar ovvju huwa l-indirizzar tal-isfidi transkonfinali f'oqsma bħall-infrastruttura, il-mobilità, il-koeżjoni territorjali jew il-koperazzjoni tal-UE dwar ir-riċerka - nuqqasijiet li altrimenti jagħmlu ħsara lill-interessi tal-UE kollha kemm hi. Hija tista' tiftaħ il-bieb għall-mobilizzazzjoni ta' firxa ħafna ikbar ta' riżorsi pubbliċi u privati minn dawk disponibbli fuq il-livell nazzjonali biss.

Fi żminijiet ta' limitazzjonijiet baġitarji severi u fit-tul, il-koordinazzjoni bejn il-baġits tal-UE u nazzjonali għandha titqies bħala kruċjali sabiex tittejjeb il-governanza ekonomika, it-trasparenza u l-effiċjenza tal-infiq pubbliku.

2.3. Baġit immirat lejn ir-riżultati.

L-identifikazzjoni ta' dawk l-oqsma fejn id-dimensjoni tal-UE tista' toffri iżjed mhijiex minnha nnifisha biżżejjed. L-infiq fuq il-politiki t-tajba jagħmel sens biss jekk iwassal għar-riżultati meħtieġa. Il-programmi tal-infiq għandu jkollhom impatt reali, bl-investiment iwasssal għal azzjoni - azzjoni li titkejjel f'termini tal-impatt reali, minflok milli f'termini tal-inputs involuti. Għandu jinstab l-aħjar bilanċ bejn il-prevedibbiltà u l-miri importanti tal-flessibilità, il-kundizzjonalità, il-ħlas fuq il-bażi tar-riżultati, u kif ukoll bejn is-simplifikazzjoni u l-kontrolli meħtieġa għall-ġestjoni finanzjarja tajba. Iżda għandu jkun hemm inċentivi u kontrolli biex jiġi żgurat li l-infiq iwettaq l-iskop reali tiegħu.

2.4. Il-benefiċċji reċiproki permezz tas-solidarjetà.

Is-solidarjetà hija waħda mis-sisien tal-Unjoni Ewropea, prinċipju ewlieni u sors ta' saħħa. Il-baġit tal-UE mhux l-uniku mod li għandha l-UE biex tesprimi s-solidarjetà, iżda huwa parti indispensabbli mill-approċċ tal-UE. It-tkabbir żied id-diversità ekonomika tal-Unjoni, u l-Unjoni għandha interess politiku, soċjali u ekonomiku li tgħin lill-partijiet inqas żviluppati tal-Unjoni sabiex jikkontribwixxu għall-miri globali tagħha: il-benefiċċji tal-istabbilità jgawdi minnhom kulħadd. Minbarra dan, hekk kif l-Unjoni Ewropea tipprova twettaq strateġija ekonomika sħiħa għat-tkabbir futur, is-solidarjetà titlob li tingħata attenzjoni speċjali lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli u lil dawk li fuqhom ir-riforma tpoġġi piż partikolari. Iżda l-benefiċċji ta' din is-solidarjetà jgawdi minnhom kulħadd, permezz tal-potenzjal tat-tkabbir tas-suq uniku, permezz tal-effetti tranżnazzjonali tal-infiq tal-UE fil-livell nazzjonali jew reġjonali u permezz taċ-ċirku virtwuż fejn l-individwi u n-negozji jieħdu l-opportunitajiet miftuħa mill-UE kollha kemm hi. Il-PDG fl-UE 25 kollha flimkien huwa stmat li kien 0.7% ogħla fl-2009 b'riżultat tal-politika tal-koeżjoni matul il-perjodu 2000/2006 - jiġifieri dan huwa rendiment tajjeb fuq infiq li kien jammonta għal anqas minn 0,5 % tal-PDG tal-UE matul l-istess perjodu[3].

L-għanijiet kollettivi tal-UE sikwit jitolbu interventi kkonċentrati ġeografikament. Il-ħarsien tal-fruntieri esterni tal-Unjoni kontra l-immigrazzjoni illegali jaqa' b'mod naturali fuq l-Istati Membri li għandhom fruntieri esterni. L-infrastruttura li tinsab fi Stati Membri partikolari xorta waħda jista' jkollha benefiċċji kbar għall-Unjoni. L-azzjoni li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent jew tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima tista' tkun lokali ħafna, iżda l-benefiċċji huma ħafna aktar mifruxa. F'dawn il-każijiet, l-investiment disponibbli fuq il-livell nazzjonali ħafna drabi jkun inqas minn dak meħtieġ sabiex tiġi stimulata l-azzjoni, iżda n-nuqqas li wieħed jieħu azzjoni jista' jwassal għal telf reali għall-Ewropa kollha kemm hi. Il-baġit tal-UE għandu jagħmel kontribuzzjoni għal dawn l-ispejjeż sabiex jippromwovi l-miri kollettivi tagħha.

2.5. Finanzjament riformat tal-baġit

Il-kwistjoni tar-"riżorsi proprji" hija parti importanti mir-reviżjoni tal-baġit. Sa mill-bidu tas-snin sebgħin, l-UE ġabret ir-riżorsi proprji tagħha li jiġu minn politiki komuni bħad-dazji tat-tariffa doganali komuni. L-awtonomija ta' dawn ir-riżorsi proprji ġiet gradwalment imdgħajfa u s-sistema kurrenti tal-finanzjament tal-UE evolviet b'mod mhux koordinat u rriżultat

[3] Dan jinkludi kemm il- baġit tal-UE kif ukoll il-kofinanzjament nazzjonali.

f'taħlita mhux ċara ta' kontribuzzjonijiet mill-baġits nazzjonali, korrezzjonijiet u tnaqqis. Il-konnessjoni bejn ir-riżorsi proprji oriġinali u l-politiki komuni tal-UE ntilfet, u dan għamel is-sistema anqas trasparenti u żied id-dubji dwar il-ġustizzja tagħha. Li nħarsu lejn is-sitwazzjoni mill-ġdid huwa essenzjali, sabiex il-finanzjament tal-UE jiġi riallineat mal-prinċipji tal-awtonomija, it-trasparenza u l-ġustizzja.

3. BAĠIT GĦALL-FUTUR

L-UE issa hija impenjata favur programm fundamentali ta' riforma ekonomika, sabiex tippermetti li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ekonomija tal-UE sabiex issib sorsi ġodda ta' tkabbir u toħloq impjiegi ġodda - l-istrateġija Ewropa 2020.

L-Ewropa 2020 taħdem għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, li l-ħames miri li ġejjin huma eżempju tiegħu:

- Iżżid ir-rata tal-impjiegi tal-popolazzjoni bejn l-età ta' 20 u 64 sena għal mill-anqas 75%;
- Tinvesti 3% tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp;
- Tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra b'mill-anqas 20% meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u bi 30% jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajba; iżżid is-sehem tas-sorsi tal-enerġija li jiġġeddu fil-konsum finali tal-enerġija għal 20%; u żżid b'20% l-effiċjenza fl-enerġija tagħha;
- Tnaqqas ir-rata ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni għal 10% u żżid is-sehem tal-popolazzjoni li għandhom bejn 30 u 34 sena li lestew l-edukazzjoni terzjarja għal mill-anqas 40% fl-2020;
- Terfa' mill-anqas 20 miljun persuna mill-faqar.

Il-Kummissjoni tikkalkula li meta jinkisbu dawn il-miri, meħuda flimkien, ir-riżultat jista' jkun żieda ta' 4% mal-PDG tal-UE u 5,6 miljun impjieg ġdid sal-2020[4].

Din il-ħidma tirrigwarda firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika. Hija titlob sħubija bejn il-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali; u titlob ukoll immirar bir-reqqa sabiex jiġi żgurat li l-isforz ikun ikkonċentrat fejn jista' jkun l-aktar effettiv. Għandu jkun hemm ukoll attenzjoni speċjali għal fejn l-azzjoni jista' jkollha impatt bikri fuq it-tkabbir. Il-baġit tal-UE jista' u għandu jkollu parti importanti sabiex iwettaq din l-istrateġija, u għandu jkun il-bażi għal ġenerazzjoni ġdida ta' programmi ta' nfiq.

Parti mill-impetu tal-Ewropa 2020 huwa l-ħtieġa ta' viżjoni globali għall-ekonomija u s-soċjetà tal-UE, fejn l-għanijiet jirrinforzaw lil xulxin u fejn l-azzjonijiet jistgħu jservu miri differenti fl-istess ħin. Dan ma jitlobx fond uniku – iżda jitlob grad għoli ta' koordinazzjoni. L-Ewropa 2020 teħtieġ soluzzjonijiet integrati, għalhekk l-istrumenti li jwettquha għandhom ikunu integrati huma wkoll. L-azzjonijiet ippreżentati aktar 'l isfel għandhom għalhekk

[4] Stima tas-servizzi tal-Kummissjoni bbażata fuq l-analiżijiet li ġejjin: "Quantifying the potential macroeconomic effects of the Europe 2020 strategy: stylised scenarios" (European Commission Economic Papers n°424. September 2010) u "Macroeconomic effects of Europe 2020: stylised scenarios" (ECFIN Economic Briefs 2010 n°11).

jitqiesu bħala pakkett ta' miżuri, marbuta flimkien mill-qrib u li jaħdmu flimkien sabiex jipprovdu tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

3.1. Tkabbir intelliġenti

Fil-qalba tal-istrateġija 2020, hemm il-ħtieġa li tiġi appoġġjata t-trasformazzjoni tal-ekonomija Ewropea f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni. Ħafna mix-xogħol meħtieġ sabiex tinħoloq il-kompetittività futura u jinħolqu l-impjiegi ta' għada jiffukaw fuq l-isforzi nazzjonali sabiex tissaħħaħ ir-riċerka u l-innovazzjoni, tiġi mtejba l-edukazzjoni u jitneħħew l-ostakli għall-imprenditorija. Iżda l-Ewropa għandha vantaġġ kbir ħafna fl-iskala tagħha, u dan il-vantaġġ għandu jintuża għall-massimu: billi jiġi sfruttat il-potenzjal tas-suq uniku, u billi jintużaw il-fondi mill-baġit tal-UE sabiex jingħata kontribut għal kif is-settur pubbliku jimmobilizza l-fatturi li jwasslu għat-tkabbir.

Ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma l-muturi l-aktar sostenibbli għat-tkabbir tal-ekonomija u tal-produttività. Il-programmi kurrenti tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni joffru benefiċċju kbir għas-soċjetà u valur miżjud ċar Ewropew u joħolqu massa kritika f'oqsma bħar-riċerka bażika. In-nefqa tal-UE fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni rduppjat fuq l-aħħar qafas finanzjarju multiannwali u sal-2013 se tkun tammonta għal madwar 7% tal-baġit tal-Unjoni[5]. Permezz tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka u l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija, l-UE stabbiliet approċċ ġdid għall-promozzjoni tal-eċċellenza fuq skala Ewropea u l-iffurmar ta' rabtiet bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negozju li huma daqstant kritiċi sabiex il-kreattività tirriżulta fi tkabbir. L-infiq futur fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni għandu jkollu impatt saħansitra aktar b'saħħtu f'termini ta' tkabbir u ħolqien tal-impjiegi u f'termini ta' rendiment soċjali u ambjentali sinifikanti.

Sabiex jinkisbu l-miri tal-Ewropa 2020 f'dan il-qasam, il-Kummissjoni pproponiet Unjoni tal-Innovazzjoni. Fi żminijiet ta' limitazzjonijiet fiskali, l-UE u l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu jinvestu fir-riċerka u l-iżvilupp, u l-innovazzjoni. Jenħtieġ ukoll li jiżguraw li l-ostakli li baqa' sabiex l-imprendituri jwasslu "l-ideat tagħhom fis-suq" jitneħħew: ikun hemm aċċess aħjar għall-finanzjament, l-IPR ma jkunx għali żżejjed, l-istandards tal-interoparibilità jiġu stabbiliti aktar malajr, u jkun hemm użu strateġiku tal-baġits tal-akkwisti tagħna. Dan għandu jimxi id f'id mar-riformi sabiex jinkiseb aktar valur għall-flus, tiġi miġġielda l-frammentazzjoni u jiġi mmassimizzat l-effett ta' 'ingranaġġ'.

– **Enfasi fuq l-innovazzjoni**. Il-finanzjament futur tar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jikkontribwixxi direttament għall-ksib tal-Ewropa 2020, b'mod partikolari l-Unjoni tal-Innovazzjoni[6]. Huwa għandu jibni fuq il-ħidma tal-Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni u jappoġġja proġetti innovattivi, partikolarment dawk li jinvolvu l-SMEs, li għandhom potenzjal ekonomiku ċar, sabiex jgħinu fil-konsolidazzjoni u t-tkabbir tal-bażi industrijali tal-Ewropa. Is-suċċess tal-Faċilità ta' Finanzjament bil-Qsim tar-Riskju (RSFF) wera li approċċi ġodda għall-għoti tal-appoġġ jistgħu jirnexxu fil-mobilizzazzjoni tal-investiment privat. Din il-faċilità użat baġit tal-UE ta' EUR 1 biljun sabiex timmobilizza EUR 16,2 biljun f'appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp madwar l-UE. Il-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija kienu strumentali biex jgħinu ħalli jiġu definiti prijoritajiet relevanti għall-

---

5 Il-Programm ta' Qafas kurrenti ġie stmat li jiġi miegħu 900 000 impjieg u li jżid 1% mal-PDG tal-UE.

6 L-Unjoni tal-Innovazzjoni - COM(2010) 565, 6.10.2010. Proġetti ewlenin oħra tal-2020 f'dan il-qasam jinkludu l-Aġenda Diġitali u l-politika industrijali.

indusrija għall-Programm ta' Qafas. Is-sħubijiet pubbliċi-privati nħolqu sabiex l-industrija tiġi involuta attivament u jkun hemm koinvestiment fi programmi tar-riċerka xprunati mill-industrija bħall-Inizjattivi Konġunti tat-Teknoloġija, li wrew kif kollaborazzjoni immaġinattiva tista' tuża kontribuzzjoni baġitarja żgħira tal-UE sabiex tiggalvanizza sforzi kbar Ewropej industrijali importanti. Il-firxa sħiħa tal-istrumenti għandhom jaħdmu flimkien, f'qafas strateġiku komuni, sabiex jilħqu dan l-għan.

– **Ħidma dwar sfidi imporanti tas-soċjetà**. L-Ewropa għandha quddiemha firxa mingħajr preċedenti ta' sfidi tas-soċjetà, li jistgħu jiġu ffaċċjati biss b'qabżiet xjentifiċi u teknoloġiċi importanti. Il-prijorità għandha tingħata lill-għanijiet ewlenin tal-UE, u b'mod partikolari lil Ewropa 2020. Pereżempju, l-UE għandha tikkontribwixxi sabiex tirrimedja għal għexieren ta' snin ta' nuqqas ta' riċerka fil-qasam tal-enerġija, li ħalla lill-Ewropa lura f'termini tal-iżvilupp ta' provvisti domestiċi ta' enerġija u l-ħidma fuq l-isfida tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Se jiġu mnedija s-Sħubijiet tal-Innovazzjoni Ewropea sabiex jaċċelleraw ir-riċerka, l-iżvilupp u d-dħul fis-suq tal-innovazzjonijiet u sabiex jiġbru flimkien l-għarfien espert u r-riżorsi u jsaħħu l-kompetittività tal-industrija tal-UE

– **Twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka**. Huwa aktar importanti minn qatt qabel li tiġi mmassimizzata l-effiċjenza tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni Ewropea billi tinħoloq Żona tar-Riċerka Ewropea ġenwina, li fiha l-atturi kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati, jistgħu joperaw liberament, joħolqu alleanzi u jakkwistaw il-massa kritika sabiex jikkompetu u jikkoperaw fuq skala globali. Koordinazzjoni aħjar fuq il-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE tista' tagħmel iżjed sabiex tevita d-duplikazzjoni u tinkoraġġixxi l-aħjar prattika u l-ipprogrammar konġunt imsaħħaħ jista' jiżgura sinerġiji u kumplimentarità tal-livelli differenti ta' finanzjament. Dan jimplika li l-ostakli għall-mobilità tar-riċerkaturi jridu jiġu indirizzati.

– **It-twessigħ tal-bażi tar-riċerka tal-UE**. Filwaqt li jinħtieġ li l-appoġġ tal-UE jixpruna l-eċċellenza, huwa għandu wkoll jikkontribwixxi għat-twessigħ tal-bażi tar-riċerka u l-innovazzjoni billi jtejjeb il-kwalità tal-infrastruttura tar-riċerka madwar l-UE. Il-Fondi Strutturali għandhom ikunu sfruttati b'mod sħiħ sabiex tiġi żviluppata l-ġenerazzjoni li jmiss tal-infrastrutturi tar-riċerka bbażati fuq l-ispeċjalizzazzjoni reġjonali.

– **It-tkabbir tal-effiċjenza tal-implimentazzjoni permezz tas-simplifikazzjoni**. Il-komunità xjentifika u tan-negozju lmentat minn piż amministrattiv eċċessiv u sejħet lill-Kummissjoni sabiex issib bilanċ aħjar bejn il-fiduċja u l-kontroll u bejn it-teħid tar-riskji u l-evitar tar-riskji. Minkejja l-progress li sar lejn is-simplifikazzjoni taħt il-programmi eżistenti, hemm aktar xi jsir. Miżuri b'potenzjal fit-tul għas-simplifikazzjoni huma l-aċċettazzjoni ġenerali tal-prattiki tal-kontabilità tal-parteċipanti inklużi l-ispejjeż medji, sett uniku ta' regoli għall-parteċipanti kollha li jkopri l-miżuri kollha ta' intervent u t-tnaqqis tan-numru ta' rati u metodi differenti ta' rimbors għall-ikkalkular tal-ispejjeż indiretti.

– **L-immodernizzar tas-sistemi tal-edukazzjoni fil-livelli kollha**. L-eċċellenza għandha dejjem aktar issir il-prinċipju ewlieni għall-edukazzjoni. Neħtieġu aktar universitajiet ta' livell mondjali, li ngħollu l-livelli tal-ħiliet u li niġbdu l-ogħla talent minn barra. Għandha tiġi mnedija reviżjoni koordinata tal-programmi eżistenti ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jiġi żviluppat approċċ integrat fil-kuntest tal-inizjattiva ewlenija "Youth on the move". Il-biċċa l-kbira tal-kompetenzi għall-politika tal-edukazzjoni u l-impjiegi tinsab f'idejn l-Istati Membri, iżda l-Unjoni għandha responsabbiltà speċjali għall-promozzjoni tal-mobilità u l-eliminazzjoni tal-ostakli madwar l-Ewropa. L-iskemi eżistenti tal-mobilità fl-edukazzjoni

tejbu mhux biss il-ħiliet, l-għarfien u l-edukazzjoni tal-benefiċjarji, iżda stimulaw ukoll il-kompetizzjoni bejn l-universitajiet u s-sistemi edukattivi. Id-domanda bħalissa tiżboq b'ammont konsiderevoli l-provvista kurrenti – fejn l-Erasmus, fuq il-livell tal-universitajiet, huwa limitat għal madwar 5% tal-istudenti. Dawn il-programmi għandhom jiġu estiżi u l-allokazzjoni tar-riżorsi għandha tiġi marbuta b'mod aktar ċar mal-grad sa liema l-opportunitajiet għall-mobilità jkunu użati fil-prattika.

L-infrastrutturi tal-futur

L-infrastruttura transkonfinali hija waħda mill-aħjar eżempji ta' kif l-UE tista' ssolvi nuqqasijiet u tipprovdi riżultati ta' valur aħjar. In-netwerks tat-trasport, tal-komunikazzjoni u tal-enerġija jġibu benefiċċji enormi għas-soċjetà kollha kemm hi. Iżda l-imperfezzjonijiet tas-suq jistgħu jfissru li proġetti b'valur miżjud għoli tal-UE jistgħu jonqsu milli jiġbdu lejhom l-investiment meħtieġ mill-kumpaniji privati. Ir-riżultat huwa piż għall-UE f'termini ta' kompetittività, solidarjetà, u l-funzjonament effettiv tas-suq uniku. Appoġġ finanzjarju mmirat fuq il-livell tal-UE jista' jgħin sabiex jingħataw spinta proġetti importanti bħal dawn, li ta' sikwit ikollhom potenzjal kummerċjali kbir fuq tul ta' żmien.

Pajjiżi bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina issa qegħdin iniedu sforzi kbar ħafna u ambizzjużi ta' investiment fl-infrastruttura. Li nżommu l-kompetittività jfisser li l-Ewropa għandha interess strateġiku partikolarment qawwi f'infrastruttura effettiva, sabiex jitqiegħdu l-pedamenti għal tkabbir ekonomiku fit-tul. L-UE teħtieġ li toffri l-bilanċ tajjeb ta' politika sabiex tistimula l-modernizzazzjoni meħtieġa, u fl-istess waqt iżżomm l-istandards tal-infrastruttura eżistenti. Dan ifisser qafas kredibbli ta' politika għat-tul li jikkonvinċi lill-investituri sabiex jipprovdu l-finanzjament kbir ta' kapital fit-tul li huwa meħtieġ. Huwa jeħtieġ qafas regolatorju li joffri appoġġ u wkoll appoġġ finanzjarju mmirat bir-reqqa permezz ta' strumenti ta' finanzjament xierqa sabiex tingħata għajnuna lill-proġetti sabiex jibdew. Ir-riżultat ikun netwerk ċentrali Ewropew tat-trasport li jidderieġi l-flussi tal-merkanzija u tal-passiġġieri lejn modi ta' trasport aktar sostenibbli; broadband ta' veloċità għolja disponibbli f'kull parti tal-UE; u netwerk tal-enerġija kapaċi li jwettaq il-promessa tas-suq intern, li jikseb aċċess għal sorsi ġodda ta' enerġija u li jisfrutta teknoloġiji intelligenti ġodda.

Dan l-appoġġ jeħtieġ li jiġi mmirat lejn il-prijoritajiet ewlenin – it-tneħħija tal-punti ta' konġestjoni fuq l-assi strateġiċi tranż-Ewropej, l-inkoraġġiment tal-estensjoni tagħhom u l-bini ta' konnessjonijiet transkonfinali u intermodali. Kriterji stretti huma meħtieġa wkoll biex jintgħażlu l-aħjar proġetti: dawk li jistgħu juru li għandhom il-kapaċità tal-ġestjoni meħtieġa u li jistgħu jiġu mnedija f'perjodu ta' żmien raġonevoli, u li jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibilità. Filwaqt li għal xi infrastruttura, bħat-trasport bil-ferrovija jew li jitwasslu n-netwerks għal komunitajiet b'popolazzjoni baxxa, dejjem se jkun meħtieġ l-investiment pubbliku, għal oqsma oħra l-abilità tal-proġetti sabiex jiġbdu l-finanzjament privat jista' jkun ukoll kriterju importanti. Ikun meħtieġ approċċ komuni bejn il-baġit tal-UE u dawk nazzjonali, il-Bank Ewropew tal-Investiment u sorsi privati ta' finanzjament sabiex jiġu ddeterminati l-prijoritajiet għall-investiment u jiġi pprovdut l-impetu tajjeb għall-azzjoni. Dan jitlob li jkun hemm il-qafas regolatorju t-tajjeb fuq il-livell tal-UE, sabiex jinġabru flimkien ir-riżorsi min sorsi privati u pubbliċi. Għandha tingħata wkoll kunsiderazzjoni għal kif l-appoġġ jista' jinkludi proġetti li jmorru 'l barra mill-fruntieri tal-UE, għall-benefiċċju reċiproku tagħna u tal-ġirien tagħna.

3.2. It-tkabbir sostenibbli

L-integrazzjoni tal-politiki tal-enerġija u l-klima fiċ-ċentru tal-politika f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi

Il-ħidma dwar l-isfida tal-effiċjenza tar-riżorsi, tat-tibdil fil-klima, u tal-ħolqien tas-sikurezza u l-effiċjenza fl-enerġija, hija wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020. Dan ma jfissirx biss li l-ekonomija tiġi organizzata sabiex tilħaq il-miri maqbula, iżda wkoll li jiġi xprunat l-investiment fit-teknoloġiji u s-servizzi aktar ekoloġiċi, li huma rikonoxuti li għandhom fost l-akbar potenzjal għall-esportazzjoni futura u għall-impjiegi futuri bħala industrija li diġà timpjega 3.5 miljun Ewropew[7]. Sabiex jinkiseb dan l-għan ambizzjuż, l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tal-UE, inklużi l-istrumenti u s-sorsi finanzjarji innovattivi, jinħtieġ li jiġu mmobilizzati b'mod effettiv.

Għażla waħda tkun li l-baġit tal-UE jiġi mibdul sabiex jinħolqu fondi ddedikati, fuq skala kbira, li jkunu maħsuba sabiex iwasslu l-investiment f'dawn l-oqsma. Il-Pjan Ewropew tal-Irkupru Ekonomiku wera kif kien possibbli li jiġu identifikati u appoġġjati proġetti strateġiċi tal-enerġija, u jiġu indirizzati r-riskju li l-kriżi tal-kreditu waqqfet dawn il-proġetti. Dan għen sabiex tingħata kredibilità lill-politiki fit-tul tal-UE dwar l-enerġija, u fl-istess ħin għamel lill-investituri aktar lesti li jipprovdu l-kapital għal proġetti li jieħdu fit-tul. Dan l-approċċ jista' jitmexxa 'l quddiem bħala għażla bbażata fuq programmi distinti. Madankollu, jista' jkun aktar effettiv li dawn il-prijoritajiet jiġu integrati fi programmi differenti, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-istess azzjoni tista' u għandha ssegwi għanijiet differenti fl-istess ħin. Il-prijorità ewlenija tal-miri ta' politika bħat-tibdil fil-klima u l-enerġija diġà turina li għandna nwettqu riprijoritizzazzjoni fi ħdan politiki bħar-riċerka, il-koeżjoni, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali – b'allokazzjonijiet politiċi ċari bbilanċjati mill-ħtieġa li jiġu evitati riġiditajiet ġodda. Dan għandu jkun akkumpanjat minn obbligu ċar trażversali li jiġi identifikat fejn il-programmi jkunu ppromwovew dawn il-politiki. Ir-riżultat għandu jfisser li l-UE tkun tista' tistabbilixxi b'mod ċar liema riżorsi jkunu qed jikkontribwixxu għal politiki bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jew l-appoġġ għas-sigurtà fl-enerġija, irrispettivament mill-istrumenti li permezz tagħhom dawn il-politiki jitwettqu.

Il-Politika Agrikola Komuni

Ekonomija tal-UE sostenibbli teħtieġ settur agrikolu b'saħħtu li jagħti l-kontribut tiegħu għal varjetà wiesgħa ta' miri tal-UE – inkluża l-koeżjoni, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-ambjent u l-bijodiversità, is-saħħa u l-kompetittività, flimkien mas-sikurezza alimentari. Serje ta' riformi għall-Politika Agrikola Komuni raw l-appoġġ għall-bdiewa jsir dejjem aktar marbut mal-ilħuq ta' dawn il-miri u s-sehem tal-PAK fil-baġit globali waqa' b'mod sod u konsistenti fis-snin riċenti. It-tkomplija ta' din ix-xejra xorta waħda tħalli l-agrikoltura tirrappreżenta investiment pubbliku maġġuri – li jaqa' fuq spallejn il-baġit tal-UE, minflok fuq dawk nazzjonali.

Ir-riformi suċċessivi qarrbu l-agrikoltura tal-UE aktar lejn is-suq u għenu sabiex tiġi pprovduta s-sigurtà tal-ikel, ikun hemm ġestjoni aħjar tar-riżorsi naturali u komunitajiet rurali stabbli. Aktar minn terz tad-dħul tal-azjendi agrikoli għadu dipendenti fuq il-ħlasijiet mill-baġit tal-UE. Il-biedja tal-UE qed tkompli tkun fornitur kbir tal-ikel ta' kwalità għolja fi żmien

---

[7] Ir-rapport tal-Kummissjoni għall-konferenza ta' livell għoli dwar il-kompetittività tal-industrija (April 2010):

fejn il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni tad-dinja li qiegħda tikber malajr ħafna qed ikomplu jikbru. L-agroindustrija hija sors importanti ta' dinamiżmu fl-ekonomija tal-UE.

Madankollu, hemm ukoll kwistjonijiet ċari li jridu jiġu trattati. L-allokazzjoni ta' ħlasijiet diretti hija bbażata fuq valuri ta' referenza li issa ilhom li saru aktar minn għaxar snin, u l-livelli ta' ħlasijiet diretti lill-bdiewa jvarjaw sew minn Stat Membru għal ieħor. Filwaqt li xi grad ta' varjazzjoni jista' jkun ġustifikat, hemm każ b'saħħtu sabiex il-livelli tal-ħlasijiet jitqarrbu progressivament lejn xulxin. Li nitbiegħdu mir-referenzi storiċi jevita wkoll kultura ta' dipendenza li tista' żżomm lura l-użu ta' inċentivi sabiex jiġi żgurat li jinkisbu r-riżultati. Dan iqajjem ukoll kwistjonijiet fir-rigward tal-pressjoni fuq id-dħul tal-bdiewa u fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni, kif ukoll il-kwistjoni tal-immirar u l-prijoritizzazzjoni taż-żewġ kolonni tal-PAK.

Il-Kunsill Ewropew enfasizza f'Ġunju kif settur agrikolu sostenibbli, produttiv u kompetittiv jista' jagħmel kontribuzzjoni importanti għall-istrateġija Ewropa 2020, meta jitqies il-potenzjal tat-tkabbir u l-impjiegi taż-żoni rurali filwaqt li tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta.

It-tkomplija tar-riformi għandha sseħħ b'modi differenti:

– Immirar akbar tal-PAK fuq il-prijoritajiet aktar wiesgħa ta' politika tal-UE bl-ekoloġizzazzjoni tal-għajnuniet diretti sabiex jiġu appoġġjati prattiki ambjentali aktar eżiġenti u titjib pożittiv sabiex tissaħħaħ l-innovazzjoni u l-kompetittività fil-kampanja, flimkien mal-kunċett tal-konformità trażversali.

– L-iżvilupp rurali għandu jkollu l-għan li jrawwem settur agrikolu kompetittiv u innovazzjoni f'oqsma bħall-proċessi ta' produzzjoni u l-progress teknoloġiku; id-diversifikazzjoni ekonomika f'żoni rurali; il-priżervazzjoni tal-ambjent u r-riżorsi naturali; l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament; l-għoti ta' għajnuna għall-ġestjoni tal-ilma u l-effiċjenza tar-riżorsi; u l-għoti ta' appoġġ speċifiku lil dawk l-aktar żvantaġġati fl-ekonomija rurali – inklużi dawk li qed jiffaċċjaw kwistjonijiet bħad-deżertifikazzjoni;

– Li nistrieħu fuq is-suq, flimkien mal-iżvilupp ta' forom ta' assigurazzjoni kompatibbli mal-"kaxxa l-ħadra" tad-WTO, u għodod oħra għall-ġestjoni tar-riskji marbuta mat-tibdil f'daqqa fid-dħul, flimkien ma' kundizzjonijiet kompetittivi aħjar fil-katina tal-provvista tal-ikel;

– Sinerġija aħjar bejn l-iżvilupp rurali u politiki oħra tal-UE sabiex ikunu jistgħu jitwettqu politiki f'oqsma bħar-riċerka, l-impjiegi u l-infrastruttura tan-netwerk, inkluża l-integrazzjoni b'qafas strateġiku komuni u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma taħt Ewropa 2020.

Ir-riforma tal-PAK tista' għalhekk issir bi gradi differenti ta' intensità. Hija tista' tillimita ruħha għat-tneħħija ta' xi diskrepanzi li jeżistu bħalissa, bħal ekwità akbar fid-distribuzzjoni tal-ħlasijiet diretti bejn l-Istati Membri u l-bdiewa. Tista' tagħmel tibdil kbir fil-politika sabiex jiġi żgurat li din issir aktar sostenibbli, u tibdel il-bilanċ bejn l-għanijiet differenti ta' politika, il-bdiewa u l-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni ta' approċċ aktar immirat lejn il-prijoritajiet. Riforma aktar radikali tmur aktar 'il bogħod, u titbiegħed mill-appoġġ għad-dħul u l-biċċa l-kbira tal-miżuri tas-suq, u tagħti prijorità għall-objettivi ambjentali u tat-tibdil fil-klima minflok id-dimensjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-PAK.

3.3. Tkabbir inklużiv

Il-politika tal-koeżjoni u l-Ewropa 2020

Il-koeżjoni rriżultat bħala wieħed mill-modi l-aktar ta' suċċess għall-Unjoni sabiex turi l-impenn tagħha għas-solidarjetà, filwaqt li żżid it-tkabbir u l-prosperità madwar l-UE. Din il-politika għandha effetti pożittivi għal kulħadd: li ninvestu fl-ekonomiji tal-UE huwa ta' ġid għall-Istati Membri kollha. Hija tipprovdi investiment għall-immodernizzar, tiggalvanizza t-tkabbir fil-partijiet l-anqas sinjuri tal-UE u sservi ta' xprun għall-bidla fir-reġjuni kollha tal-UE. Hija żżid is-swieq u toħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju għall-UE kollha kemm hi. Meta marbuta flimkien mar-riforma strutturali u l-istabbiltà makroekonomika, hija tista' tagħti kontribuzzjoni reali għat-tkabbir. Madankollu, sabiex jiġu assigurati dawn il-benefiċċji, il-finanzjament tal-koeżjoni għandu jkun immirat b'mod preċiż sabiex jiġi mmassimizzat il-valur miżjud tagħha. Dan jindika konċentrazzjoni dixxiplinata fuq l-għanijiet tal-Ewropa 2020, u konċentrazzjoni rigoruża fuq ir-riżultati.

L-allokazzjoni tal-infiq tal-koeżjoni fl-2007-2013 għall-objettivi tal-istrateġija ta Liżbona wriet il-benefiċċji li jintużaw varjetà ta' strumenti finanzjarji sabiex jinkisbu objettivi globali ta' politika. Għall-perjodu li jmiss, l-istrateġija Ewropa 2020 tipprovdi kemm sett ċar ta' prijoritajiet komuni kif ukoll qafas ċar għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet ta' finanzjament. L-Ewropa 2020 tippermetti konċentrazzjoni ħafna akbar milli fil-passat. Jistgħu jiġu stabbiliti prijoritajiet ċari li jipprovdu tkabbir intelligenti, sostenibbli u inklużiv, b'ħidma fuq: l-appoġġ għal impriżi ġodda; innovazzjoni; it-tnaqqis tal-emissjonijiet; it-titjib tal-kwalità tal-ambjent tagħna; l-immodernizzar tal-universitajiet; l-iffrankar tal-enerġija; l-iżvilupp tan-netwerks tal-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni b'interess komuni tal-UE; l-investiment fl-infrastruttura tar-riċerka; l-żvilupp tal-kapital uman; u l-inklużjoni attiva fil-ġlieda kontra l-faqar.

Ir-rabta espliċita tal-politika ta' koeżjoni u l-Ewropa 2020 tipprovdi opportunità reali kemm biex jiġu megħjuna l-ifqar reġjuni fl-UE sabiex ilaħħqu mal-oħrajn kif ukoll sabiex il-politika tal-koeżjoni tkompli tiġi żviluppata f'waħda li tiffaċilita t-tkabbir għall-UE kollha. Il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma joffru l-mezz it-tajjeb sabiex niżguraw li l-infiq tal-koeżjoni tal-UE u l-prijoritajiet nazzjonali tar-riforma u l-infiq qed jaħdmu flimkien b'mod effettiv.

Il-politika ta' koeżjoni għandha ssir waħda ta' importanza ewlenija għall-objettivi ta' tkabbir intelligenti, inklużiv u sostenibbli tal-istrateġija Ewropa 2020 fir-reġjuni kollha. Dan jista' jkun mutur b'saħħtu għall-politika, li jirrinforza l-obbligazzjonijiet tat-Trattat li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni, sabiex jiġi aċċellerat il-proċess tat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-livelli tal-iżvilupp fir-reġjuni differenti. Bħal-lum, ir-riżorsi tal-Komunità għandhom ikunu ffukati fuq l-ifqar reġjuni u Stati Membri f'konformità mal-impenn tal-Unjoni għas-solidarjetà. L-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni huwa importanti wkoll għall-bqija tal-Unjoni – sabiex jiġu ffaċċjati kwistjonijiet bħall-esklużjoni soċjali jew id-degradazzjoni ambjentali (pereżempju f'żoni urbani), jingħata appoġġ għar-ristrutturar ekonomiku u l-bidla lejn ekonomija aktar innovattiva u bbażata fuq l-għarfien, jinħolqu l-impjiegi u jissaħħu l-ħiliet. Attenzjoni partikolari trid tingħata lil dawk ir-reġjuni li għadhom ma lestewx il-proċess tagħhom li jlaħħqu mal-oħrajn. Sistema sempliċi u ġusta ta' appoġġ ta' tranżizzjoni tevita x-xokk ekonomiku dovut għal tnaqqis f'daqqa fil-finanzjament.

Numru ta' aġġustamenti għall-ipprogrammar strateġiku kurrenti huma meħtieġa sabiex jiġi miżjud il-valur miżjud tal-UE tal-ipprogrammar strateġiku, permezz ta' koordinazzjoni aktar

mill-qrib bejn l-Ewropa 2020 u l-Politika ta' Koeżjoni. Din il-koordinazzjoni titlob gwida aktar ċara fuq il-livell Ewropew, proċess ta' negozjar aktar strateġiku bejn l-imsieħba fuq il-livell lokali u reġjonali, l-Istat Membru u l-Kummissjoni Ewropea, u segwiment xieraq tal-progress li jkun sar. Ir-riżultat għandu jkun sentiment komuni li l-Ewropa 2020 qed tmexxi l-politika fil-livelli kollha, li lkoll għandhom responsabbiltà għall-azzjonijiet li għandhom jittieħdu bi sħab mil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali.

Aktar konċentrazzjoni u koerenza

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-infiq fil-futur, se jkun meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri u r-reġjuni jikkonċentraw ir-riżorsi tal-UE u nazzjonali fuq prijoritajiet maqbula tal-UE. Dan jista' jinkiseb billi jiġi identifikat numru limitat ta' prijoritajiet ta' importanza Ewropea, marbuta permezz tal-Istrateġija Ewropa 2020 mal-objettivi ta' politika settorjali. "Menu" bħal dan ta' prijoritajiet tematiċi marbuta direttament mal-Linji Gwida Integrati u l-proġetti ta' importanza ewlenija tal-Ewropa 2020 jiġu ppreżentati fl-istrumenti legali għall-koeżjoni, li jirriflettu wkoll l-abilità tal-politika ta' koeżjoni sabiex tindirizza l-ħtiġijiet differenti (bħal minn infrastruttura kbira f'xi reġjuni għal proġetti żgħar immexxija mill-komunità f'żoni urbani foqra). Prijoritajiet trażversali, bħall-innovazzjoni, ikunu obbligatorji. Reġjuni aktar żviluppati jistgħu jintalbu jallokaw l-allokazzjoni finanzjarja sħiħa disponibbli għal żewġ prijoritajiet jew tlieta, filwaqt li r-reġjuni anqas żviluppati jistgħu jiddedikaw ir-riżorsi tagħhom għal firxa kemxejn aktar wiesgħa ta' prijoritajiet.

Koerenza u koordinazzjoni akbar ma' strumenti oħra tal-UE li jwettqu l-politiki tal-UE f'oqsma li jinkludu t-trasport, il-komunikazzjoni, l-enerġija, l-agrikoltura, l-ambjent u l-innovazzjoni jkunu essenzjali. Il-benefiċjarji tal-appoġġ tal-UE għandhom jiġu offruti sett konsistenti ta' programmi li jikkumplimentaw lil xulxin, u jippermettu "speċjalizzazzjoni intelliġenti", minflok jiġu ffaċċjati b'numru kbir ta' skemi li parzjalment jiddupplikaw lil xulxin u regoli differenti. Armonizzazzjoni akbar ta' regoli ta' eliġibbiltà u implimentazzjoni tkun pass importanti lejn twettiq aktar integrat tal-politiki tal-UE fit-territorju.

Qafas strateġiku komuni

Sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-politiki tal-UE għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020, u f'konformità mal-Linji Gwida Integrati, il-Kummissjoni tista' tadotta Qafas Strateġiku komuni, li jkun fih strateġija sħiħa tal-investiment li tittraduċi l-miri u l-għanijiet tal-Ewropa 2020 fi prijoritajiet ta' investiment. Huwa jkun jidentifika b'mod partikolari, ħtiġijiet ta' investiment fir-rigward ta' miri u proġetti ewlenin. Jenfasizza wkoll ir-riformi li huma meħtieġa sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investiment appoġġjat mill-politika ta' koeżjoni.

Dan il-qafas jieħu post l-approċċ kurrenti ta' settijiet separati ta' linji gwida strateġiċi għall-politiki u jiżgura koordinazzjoni aħjar bejniethom. Huwa jkun ikopri l-azzjonijiet koperti llum mill-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew tas-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-iżvilupp Rurali. Il-qafas jidentifika wkoll ir-rabtiet u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni mal-istrumenti l-oħra tal-UE bħall-programmi għar-riċerka, l-innovazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, u n-netwerks.

Kuntratt ta' Sħubija tal-Iżvilupp u l-Investiment li jiffoka fuq ir-riżultati mistennija mill-appoġġ tal-UE

Fuq il-bażi tal-Qafas Strateġiku, l-Istati Membri jippreżentaw l-istrateġija tagħhom tal-iżvilupp fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom, sabiex jiżguraw sens ta'

responsabbiltà diretta għall-prijoritajiet tal-UE u l-livell nazzjonali u reġjonali Din l-istrateġija tkun tidentifika kif l-Istat Membru u r-reġjuni tiegħu jfittxu li jindirizzaw il-prijoritajiet u l-miri stabbiliti fl-Ewropa 2020, il-proġetti ewlenin u r-rakkomandazzjonijiet tematiċi u speċifiċi għall-pajjiżi. Jiddefinixxi wkoll il-bidliet pożittivi li għandhom l-għan li jiksbu bl-appoġġ tal-UE. Ir-riżultat tad-diskussjonijiet mal-Kummissjoni jkun Kuntratt ta' Sħubija tal-Iżvilupp u l-Investiment bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru li jirrifletti l-impenji tal-imsieħba fuq il-livell nazzjonali u reġjonali.

Il-Kuntratt ikun jistabbilixxi l-objettivi li għandhom jinkisbu, kif il-progress lejn il-kisba ta' dawn l-objettivi tkun kwantifikata u mkejla u l-allokazzjoni tar-riżorsi nazzjonali u tal-UE bejn l-oqsma u l-programmi ta' prijorità. Il-Kuntratt ikun jistabbilixxi wkoll numru limitat ta' kundizzjonalitajiet, marbuta mar-riformi meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva. Fejn relevanti, jidentifika proġetti strateġiċi li għandhom jiġu inklużi (pereżempju interkonnetturi ewlenin tat-trasport u l-enerġija). Dan jiddeskrivi wkoll il-koordinazzjoni bejn il-fondi tal-UE li għandhom jiġu applikati fuq il-livell nazzjonali.

Ir-riżultat ta' dan l-approċċ ikun li l-tiġi marbuta l-allokazzjoni potenzjali inizjali tar-riżorsi bejn l-Istati Membri u r-reġjuni – għażla politika dwar kif għandha tiġi espressa s-solidarjetà – ma' mekkaniżmu effettiv li jiżgura li l-livell tal-appoġġ huwa akkumpanjat mill-kisba tal-miri u l-għanijiet.

It-titjib tal-kwalità tal-infiq

Il-kapaċità istituzzjonali tas-settur pubbliku fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali hija ta' importanza ewlenija għall-iżvilupp, implimentazjoni u monitoraġġ b'suċċess tal-politiki meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' Ewropa 2020. L-assorbiment mingħajr intoppi tar-riżorsi tal-Komunità jiddependi wkoll b'mod kritiku fuq il-kapaċità teknika u amministrattiva tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-benefiċjarji li jkunu qed jipparteċipaw. It-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva jista' jkun il-bażi tal-aġġustamenti strutturali u jsaħħaħ it-tkabbir u l-impjiegi – u fl-istess waqt itejjeb b'mod sinifikanti l-kwalità tal-infiq pubbliku. L-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji għandha għalhekk tqis il-kapaċità tal-Istati Membri u r-reġjuni sabiex jutilizzaw dawn ir-riżorsi u l-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-kofinanzjament u l-addizzjonalità, filwaqt li tirrikonoxxi l-pressjoni fuq il-baġits nazzjonali.

Il-politika tal-koeżjoni jista' jkollha rwol importanti f'dan ir-rigward billi tiffinanzja l-miżuri ta' kapaċità istituzzjonali, tippromwovi r-riforma amministrattiva, u tinkoraġġixxi kultura orjentata lejn ir-riżultati. Dan jista' jissaħħaħ permezz ta' faċilitajiet ta' assistenza teknika ffukati li jappoġġjaw lill-Istati Membri u lir-reġjuni sabiex iħejju, jimplimentaw u jimmonitorjaw programmi kbar ta' investiment f'oqsma bħall-infrastruttura tan-netwerk jew l-ambjent.

Teknika oħra sabiex tittejjeb il-kwalità tal-infiq tkun l-introduzzjoni ta' xi forma ta' kompetizzjoni kwalitattiva fost il-programmi għall-finanzjament tal-koeżjoni. Dan jista' jfisser li jitwarrab sehem limitat tal-finanzjament tal-koeżjoni f'riżerva tal-prestazzjoni miftuħa għall-Istati Membri u r-reġjuni eliġibbli kollha. Din tiġi allokata fuq il-bażi tal-progress li jsir mill-programmi nazzjonali u reġjonali lejn l-objettivi tal-Ewropa 2020.

Il-ħiliet it-tajbin għall-ħaddiema ta' għada

Ħaddiema b'ħiliet akbar u aħjar huma ċentrali għal ekonomija Ewropea mibnija fuq l-għarfien. Aktar u aktar impjiegi se jkunu jistrieħu fuq ħiliet ogħla. L-azzjoni tal-UE għandha għalhekk tkun iffukata fuq il-kisba tal-objettivi tal-2020, fuq taħriġ għall-ħtiġijiet tal-

ekonomija ta' għada. L-investiment iffukat jista' joffri valur miżjud sinifikanti sabiex jinkoraġġixxi l-adattabilità u t-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari billi jgħin l-istrateġiji nazzjonali għar-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u għat-titjib tal-kapaċità istituzzjonali.

Il-Fond Soċjali Ewropew diġà jappoġġja t-taħriġ għal madwar disgħa miljun Ewropew kull sena. Huwa jirrifletti bilanċ fil-politiki ekonomiċi tal-UE – dimostrazzjoni prattika ta' kif l-UE attivament tippromwovi l-inklużjoni flimkien mat-tkabbir. Huwa juża l-esperjenza transkonfinali sabiex iwassal appoġġ għal gruppi soċjali jew oqsma ta' politika li kieku jirċievu ftit jew xejn appoġġ, flimkien ma' enfasi fuq approċċi innovattivi għall-impjiegi, it-taħriġ u l-inklużjoni soċjali.

Il-Fond Soċjali Ewropew jista' jiġi ffukat mill-ġdid fuq il-kisba tal-objettivi tal-2020. Inizjattiva Ewropea komprensiva dwar l-impjiegi tista' ttejjeb il-ħiliet, il-mobilità, l-adattabilità u l-parteċipazzjoni fis-soċjetà permezz ta' inizjattivi konġunti fil-qasam tal-edukazzjoni, l-impjiegi u l-integrazzjoni. Element ieħor ta' importanza diretta għall-UE huwa l-integrazzjoni tal-minoranzi bħar-Roma u l-immigranti, fejn l-azzjoni sabiex jiġu żgurati l-inklużjoni soċjali u d-drittijiet legali għall-immigranti huma marbuta mill-qrib mal-approċċ tal-UE dwar il-migrazzjoni kollha kemm hi. Fl-istess waqt, l-importanza tal-impjiegi u l-ħiliet għall-viżjoni tal-UE għall-ekonomija tindika l-ħtieġa kemm għal viżibilità akbar kif ukoll għal volumi ta' finanzjament prevedibbli fi ħdan il-qafas komuni strateġiku ta' koeżjoni deskritt aktar 'il fuq.

Setturi ta' appoġġ impoġġija taħt pressjoni

L-iskala u l-profil divers tal-ekonomija tal-UE jfissru li inevitabilment, ikun hemm żminijiet fejn il-benefiċċji li jgawdu l-ħafna jħallsu għalihom il-ftit. Eżempju ta' dan jista' jkun ftehim tal-kummerċ li jiftaħ swieq ġodda sinifikanti għall-esportazzjonijiet tal-UE, iżda li jfisser tibdil sinifikanti fil-klima kompetittiva għal setturi partikolari. Il-Fond Ewropew tal-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni diġà pprovda eżempju tajjeb ta' kif dawn l-effetti negattivi lokalizzati jistgħu jiġu ffaċċjati, u fond estiż jista' jsir permanenti sabiex jgħin ħalli jtaffi l-impatt ta' ċertu taqlib maġġuri fuq il-ħaddiema ta' Stat Membru. Il-funzjonament ta' dan il-Fond jeħtieġ ukoll li jiġi ssimplifikat sabiex isir aktar reattiv għall-bidliet fiċ-ċirkustanzi ekonomiċi.

3.4. Ċittadinanza

Bosta programmi differenti ta' nfiq tal-UE jikkontribwixxu b'modi differenti għall-konsolidament taċ-ċittadinanza tal-UE. Kull darba li ċittadin jara effetti konkreti tal-azzjoni tal-UE – minn għotjiet għall-mobilità sar-riżultati ta' proġetti lokali ta' koeżjoni – dan jgħin sabiex jiddimostra l-vokazzjoni tal-Unjoni sabiex isservi ċ-ċittadini tagħha. Programmi li jappoġġjaw id-diversità kulturali jgħinu sabiex juru kif l-integrazzjoni Ewropea tista' tolqot liċ-ċittadini b'varjetà enormi ta' modi.

L-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam tkopri d-dimensjoni tad-"drittijiet", bħall-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE. L-azzjoni tista' tinkludi l-iżvilupp tal-UE f'żona tal-ġustizzja sabiex jiġu eliminati l-ostakli għall-funzjonament tajjeb tal-proċedimenti ċivili transkonfinali u r-relazzjonijiet bejn l-impriżi u l-konsumaturi, jiġu promossi r-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka fil-proċedimenti kriminali, u jissaħħaħ l-aċċess għall-ġustizzja madwar l-UE.

Programmi aktar speċifiċi kulturali u ta' ċittadinanza jgħinu wkoll sabiex l-Ewropej jitħejjew sabiex jegħlbu l-ostakli kulturali u jużaw l-opportunitajiet tal-ispazju Ewropew b'mod sħiħ. Programmi differenti li jimmiraw għall-promozzjoni tal-koperazzjoni kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, l-interazzjoni taċ-ċitadini u l-involviment taż-żgħażagħ fis-soċjetà Ewropea jistgħu jiġu integrati fi programm wieħed viżibbli li jippromwovi l-unità fid-diversità Ewropea u jistgħu jibbenefikaw mill-ġestjoni konġunta.

Ir-respnsabbiltajiet tal-UE lejn iċ-ċittadini tagħha huma wkoll murija fil-Fond tas-Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Dan ippermetta lill-UE sabiex tiddimostra l-impenn kollettiv tagħha sabiex tgħin fir-rispons għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Sa mill-2002, l-UE kienet kapaċi tagħti aktar minn EUR 2,1 biljun sabiex tappoġġja lill-Istati Membri u lir-reġjuni milquta minn diżastri naturali. Madankollu, l-esperjenza tindika xi limitazzjonijiet u dgħufijiet importanti fil-funzjonament tal-Fond. Il-ħeffa li biha l-għajnuna mill-Fond titpoġġa għad-dispożizzjoni, it-trasparenza tal-kriterji għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u l-limitazzjonji tiegħu għal diżastri ta' oriġini naturali huma kollha kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati. Pereżempju, il-Fond mhux iffinanzjat fuq bażi permanenti u ma jistax jgħin biex isegwi bosta tipi ta' diżastri maġġuri. Kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE tista' wkoll tgħin sabiex jitneħħew in-nuqqasijiet fis-sistema li jwaqqfu lit-timijiet tal-protezzjoni ċivili tal-Istati Membri milli jiġu mibgħuta malajr fejn ikunu meħtieġa, u tgħin l-iżvilupp ta' netwerk tal-protezzjoni ċivili effettiv – eżempju tal-koperazzjoni tal-UE li jista' jagħmel differenza reali għal dawk li huma fil-bżonn kemm fl-UE kif ukoll barra minnha.

Qasam importanti ieħor ta' relevanza diretta għaċ-ċittadini huwa l-infiq fuq politiki li huma ċentrali għal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Dawn huma politiki fejn hemm interess komuni ċar f'funzjonament tajjeb. L-appoġġ għal ġestjoni effettiva tal-fruntieri, għall-iskambju tal-informazzjoni u l-għarfien espert sabiex il-ġustizzja tiġi applikata b'mod effettiv, jew sabiex jiġu implimentati l-politiki dwar l-asil u l-migrazzjoni, huma ta' benefiċċju għall-Unjoni kollha kemm hi. L-enfasi fil-perjodu ta' programmar li jmiss se jkollha tkun fuq il-ġestjoni tal-fruntieri esterni (inkluż l-SIS II/VIS u s-sistema futura ta' dħul/ħruġ), il-politika tar-ritorn, l-asil u l-integrazzjoni tal-immigranti legali. Dwar dawn il-kwistjonijiet, il-qsim tal-piż fost l-Istati Membri, l-appoġġ għall-ħidma tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-ġbir flimkien tar-riżorsi huma prijoritajiet sabiex jinstabu mezzi ekonomikament effiċjenti sabiex niżguraw li dawn il-politiki jitwettqu b'mod effettiv.

3.5. Appoġġ ta' qabel l-adeżjoni

L-appoġġ finanzjarju għal integrazzjoni aktar mill-qrib permezz tal-proċess tat-tkabbir jgħin lill-UE sabiex tikseb l-objettivi tagħha f'numru ta' oqsma li huma ta' importanza ewlenija għall-irkupru ekonomiku u t-tkabbir sostenibbli, inkluża l-enerġija, l-infrastrutturi tan-netwerk, il-ħarsien tal-ambjent u l-isforzi biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima. Jgħin ukoll sabiex jiġi żgurat li l-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali jkunu mħejjija għal kollox għall-adeżjoni eventwali, inkluż billi jinkoraġġixxu lill-pajjiżi sabiex jikkonsolidaw il-prijoritajiet tal-UE marbuta mal-objettivi tal-Ewropa 2020 fil-prijoritajiet nazzjonali tagħhom. Għandu għalhekk ikompli jkun wieħed mill-għodod sabiex jiġi promoss it-tkabbir b'suċċess.

3.6 L-Ewropa Globali

L-Ewropej jistennew li l-UE tippromwovi l-interessi tagħha u teżerċita l-influwenza tagħha fuq ix-xena internazzjonali Kwistjonijiet bħat-tnaqqis tal-faqar, l-immigrazzjoni, il-kompetittività, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata jistgħu jiġu ffaċċjati biss f'kuntest internazzjonali. Fl-era tal-globalizzazzjoni, huwa essenzjali li l-

aġenda interna tal-kisba tat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi fl-Ewropa tkun ikkumplimentata minn aġenda esterna. Minbarra dan, naturalment, is-solidarjetà għandha dimensjoni esterna: l-UE hija ġustament kburija li hija l-akbar donatur tal-iżvilupp u umanitarju fid-dinja – fejn l-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu madwar 55% tat-total dinji – hija attur ewlieni fil-ġlieda kontra l-faqar, u hija konxja ħafna mill-importanza tal-Miri tal-Millenju għall-Iżvilupp għall-istabbilità, is-sigurtà u l-benesseri ta' partijiet kbar tad-dinja.

L-istess regoli japplikaw għall-użu effettiv tar-riżorsi tal-UE internazzjonalment u kif ukoll fi ħdan l-Unjoni nnifisha: ħarsa intelligenti lejn fejn l-azzjoni kollettiva tista' tagħti valur aħjar minn kollezzjoni ta' azzonijiet nazzjonali; koerenza bejn il-programmi ta' nfiq u l-politiki ewlenin; u ħarsa ġdida lejn il-mekkaniżmi tat-twettiq u l-istrumenti li qed jintużaw.

L-applikazzjoni ta' dan l-approċċ se tkun iffaċilitata mill-istrutturi l-ġodda għar-relazzjonijiet esterni taħt it-Trattat ta' Liżbona, bl-opportunità li jintużaw l-għodda differenti tal-politika esterna tal-UE b'mod kreattiv, u li noperaw fi ħdan qafas strateġiku fit-tul.

Il-projezzjoni tal-valuri u l-interessi tal-UE globalment

L-istabbiliment tas-SEAE jagħti lill-UE l-għodod li teħtieġ sabiex ittejjeb l-abbiltà tal-UE li tipprojetta l-interessi tagħha madwar id-dinja, b'mod konsistenti mal-importanza ekonomka u politika tagħha. L-abbiltà tal-UE sabiex timmira l-istrumenti tagħha b'mod effettiv teħtieġ viżjoni strateġika ċara, ir-relazzjoni korretta mal-pajjiżi terzi msieħba, u strumenti mfassla tajjeb. L-istrumenti jridu jkunu kapaċi biżżejjed li jirrispondu għall-bidliet fil-prijoritajiet u jkunu adattati għal ċirkostanzi differenti. Xi wħud mill-kwistjonijiet globali ewlenin li qed tiffaċċja l-Unjoni llum jeħtieġu attenzjoni partikolari. Pereżempju, l-UE u l-Istati Membri tagħha se jkun jenħtiġilhom li jwettqu l-impenji tal-finanzjament tal-klima. Dan jimmerita riflessjoni separata li se tkun influwenzata mill-progress tan-negozjati u se jkun meħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza u l-viżibilità tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-isforzi internazzjonali; l-effikaċja; u li l-ekonomiji tal-kobor jkunu possibbli fil-ġestjoni tal-ħlasijiet. Għandu jkun inkluż ukoll jekk ir-rwol tal-baġit tal-UE għandux ikun ikkumplimentat minn strument separat li jġib flimkien kontribuzzjoni kollettiva tal-UE stabbli u viżibbli. Eżempju ieħor huwa l-migrazzjoni, li tiffaċċja l-ħtieġa li tiġi kkalibrata b'mod effettiv l-azzjoni fl-UE u barra mill-fruntieri tagħha.

Rispons għal sitwazzjonijiet ta' kriżi

Huwa partikolarment importanti li tittejjeb l-abbiltà tal-Unjoni sabiex tirrispondi għal kunflitti jew diżastri fuq skala kbira. Il-kontribuzzjoni essenzjali tal-UE għad-dimensjoni tas-sigurtà aktar wiesgħa tar-relazzjonijiet esterni tindika l-ħtieġa li nibnu fuq l-għodod kurrenti bħall-Istrument għall-Istabbilità, l-azzjonijiet tal-PESK u l-Missjonijiet tal-Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet. Ir-rapidità li biha jaslu fuq il-post, il-flessibiltà u l-abilità li l-azzjoni tiġi mmodulata skont it-tibdil fiċ-ċirkustanzi politiċi huma kollha komponenti essenzjali.

L-għajnuna umanitarja tal-UE hija waħda mill-forniturі bl-aktar profil għoli u l-aktar effettivi tal-għajnuna ta' emerġenza. Madankollu, il-fażi tal-għajnuna ta' emerġenza għandha tkun segwita aktar malajr u b'mod sostanzjali minn azzjonijiet ta' żvilupp sabiex ikun hemm rikostruzzjoni minn sitwazzjonijiet ta' kriżi u biex tiġi żviluppata aktar reżiljenza għall-futur. Dan qed jinżamm lura min-nuqqas ta' flessibilità fil-baġit. Il-baġit tal-għajnuna umanitarja kellu jagħmel użu mir-Riżerva ta' Għajnuna ta' Emerġenza f'kull sena tal-perjodu ta' finanzjament preżenti, u dan juri kemm qed isiru domandi qawwija f'dan il-qasam tal-baġit.

Il-Ġlieda kontra l-Faqar

Bħala Ewropa mibnija fuq il-valuri, il-ġlieda konta l-faqar globali hija wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-UE. L-għajnuna għall-pajjiżi l-anqas żviluppati tagħmel impatt reali fuq sfidi bħall-aċċess għall-ikel, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-ilma nadif, u wkoll l-adattament għat-tibdil fil-klima. L-UE hija fuq quddiem nett fl-isforzi sabiex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju sal-2015. L-impenn kollettiv tagħha sabiex tiddedika 0.7% tad-DNG sal-2015 għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp jirrikonoxxi r-rwol importanti li l-azzjoni tal-finanzjament estern għandha fl-objettivi tagħna. Huwa jimplika żieda sostanzjali fil-volum globali tal-għajnuna għall-iżvilupp.

Billi hemm evidenza ċara li l-politika tal-iżvilupp fil-livell tal-UE tista' toffri valur miżjud għoli, il-livell tal-UE għandu jilgħab il-parti tiegħu f'din iż-żieda. Il-politika tal-UE għall-iżvilupp diġà toffri dimensjoni globali – meta mqabbla mal-konċentrazzjoni tal-Istati Membri fuq numru limitat ta' msieħba – u għal ħafna pajjiżi msieħba, hija l-unika preżenza sinifikanti tal-iżvilupp li jaraw. Permezz tal-azzjoni tagħha, l-UE hija kapaċi li timplimenta sett ta' objettivi konsistenti u koerenti madwar id-dinja. Għalhekk, f'termini ta' preżenza, skala u enfasi tal-operazzjonijiet u l-piż politiku, l-intervent tal-UE joffri benefiċċji sinifikanti fuq l-azzjoni nazzjonali. Huwa joffri potenzjal kbir għal tqassim aħjar tax-xogħol bejn id-donaturi, u jippromwovi ekonomiji tal-kobor importanti u punt ta' kuntatt wieħed għall-benefiċjarji. Huwa jġorr ukoll il-piż u l-leġittimità assoċjata ma' azzjoni komuni tas-27 Stat Membru.

L-esperjenza turi li implimentazzjoni effettiva, ta' kwalità għolja teħtieġ sforz partikolari f'termini ta' koordinazzjoni tad-donaturi u arranġamenti ta' governanza. Ir-rwol tal-UE bħala d-donatur primarju globali jagħtiha vuċi fi kwistjonijiet bħall-governanza, il-koperazzjoni reġjonali, l-iżvilupp ekonomiku u l-infrastruttura li ma jkunux possibbli jekk l-Istati Membri jkunu qed jaġixxu flimkien. Wara l-adozzjoni tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp fl-2006[8], sar progress fil-ġbir flimkien tar-riżorsi mid-donaturi kollha Ewropej tal-għajnuna sabiex jiġu evitati d-duplikazzjonijet u jkun hemm konċentrazzjoni fejn hu meħtieġ. Iżda l-frammentazzjoni tal-għajnuna għadha hemm, u tikkawża ineffiċjenzi b'konsegwenzi kemm finanzjarji kif ukoll politiċi. Jekk jissolvew dawn in-nuqqasijiet, ikun hemm gwadanji sostanzjali fl-effiċjenza għall-Istati Membri – li huwa stmat li jaslu sa' EUR 6 biljun fis-sena[9] – jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-amministrazzjonijiet tal-pajjiżi msieħba, u l-UE tiġi megħjuna sabiex tuża l-influwenza tagħha b'mod sħiħ. Prijoritajiet ewlenin oħra jinkludu l-bilanċ tajjeb bejn il-prevedibbiltà fil-livelli tal-għajnuna għall-pajjiżi msieħba u l-ħtieġa għal livell ta' flessibilità xieraq, sabiex ikun jista' jkun hemm adattament għal sitwazzjonijiet il jinbidlu bħal tibdil kbir fil-prezzijiet tal-ikel u l-ħtieġa li jiġu pprovduti programmi effettivi ta' rikostruzzjoni ta' wara d-diżastri.

Il-fondi fiduċjarji tal-UE, bħall-Fond Fiduċjarju tal-Infrastruttura UE-Afrika ġew maħluqa, u dawn jgħaddu r-riżorsi mill-Kummissjoni u l-Istati Membri b'tali mod li dawn jistgħu jintużaw flimkien mal-kapaċità tas-self tal-BEI u l-banek tal-iżvilupp tal-Istati Membri, u dan iwassal għal effett ta' multiplikazzjoni importanti. Dawn jistgħu jiġu esplorati aktar.

Prijoritajiet addizzjonali huma li jiġi żgurat li l-politika tal-iżvilupp tal-UE tagħti kontribuzzjoni b'saħħitha u diretta għal titjib sinifikanti fil-governanza f'pajjiżi msieħba u li jkompli jissaħħaħ l-impatt reali tal-għajnuna. Dan jinkludi enfasi akbar fuq proġetti li għandhom valur miżjud Komunitarju akbar, u ftehimiet ta' sħubija li huma ċari, iffukati u orjentati lejn ir-riżultati. L-esperjenza fir-rigward tas-sistemi finanzjarji differenti li japplikaw

---

8 "Il-Kunsens Ewropew" (ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1).

9 "Aid Effectiveness Agenda: Benefits of a European Approach" (HTSPE f'isem il-Kummissjoni Ewropea, Ottubru 2009).

għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Istrument tal-Iżvilupp u l-Koperazzjoni llum qajmet kwistjonijiet importanti f'termini ta' effiċjenza, flessibilità u proċedura demokratika, li jitolbu aktar analiżi.

Minbarra dan, l-UE jenħtiġilha tikkunsidra kif jista' jiġi żviluppat approċċ aktar sofistikat għat-tibdil fin-natura tal-imsieħba, bħal pajjiżi bi dħul medju u l-ekonomiji emerġenti, fejn il-kwistjonijiet tal-koperazzjoni f'oqsma inklużi s-sħubija ekonomika, dik ambjentali u dik soċjali qegħdin isiru dejjem aktar importanti, flimkien ma' dawk tal-iżvilupp.

Relazzjonijiet mill-qrib u effettivi mal-iqreb ġirien tal-UE

Il-viċinat tal-UE, b'madwar 300 miljun persuna, jirrappreżenta opportunità importanti għall-UE. Sabiex tiżgura l-prosperità u l-istabbilità tagħha fit-tul u tipprova l-abilità tagħha li tassumi r-responsabbiltajiet tagħha bħala attur globali, l-UE jenħtiġilha li tippromwovi b'mod effettiv il-valuri tagħha u tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku qrib tal-fruntieri tagħha. L-appoġġ finanzjarju jista' jkun għodda importanti sabiex titwettaq politika tal-viċinat effettiva. Hawnhekk, l-enfasi għandha tkun fuq li jiġu pprovduti inċentivi kredibbli ta' riforma u koperazzjoni lill-ġirien tal-UE, kemm jekk dawn ikollhom perspettiva fit-tul ta' adeżjoni mal-UE u kemm jekk le. Għandu jingħata appoġġ speċifiku partikolarment fil-kuntest ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles profondi u komprensivi u l-allinjament mal-acquis tas-suq uniku. Oqsma qrib tal-acquis u tal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE stess – bħall-enerġija, il-migrazzjoni u l-kontrolli fuq il-fruntieri, u l-protezzjoni ambjentali – għandhom jiġu prijoritizzati, b'enfasi partikolari fuq il-bini tal-kapaċità - u tal-istituzzjonijiet.

Il-viċinat diġà kien wieħed mill-eżempji l-aktar qawwija ta' ħidma flimkien bejn il-baġit tal-UE u l-Istituzzjonijet Finanzjarji Ewropej sabiex jimmobilizzaw investiment massimu għall-iżvilup soċjali u ekonomiku. Impenn ta' EUR 117 mill-baġit tal-UE għall-mekkaniżmi ta' kombinazzjoni ġew segwiti min investiment ta' EUR 7 biljun mill-Istituzzjonijet Finanzjarji Ewropej. Dan l-approċċ għad jista' jiġi żviluppat aktar.

3.7. Infiq amministrattiv

Fil-qafas finanzjarju kurrenti 5,7 % tal-baġit huwa użat għall-infiq amministrattiv. Dan ikopri mhux biss l-ispejjeż tal-persunal, l-IT u l-binjiet għall-Istituzzjonijiet kollha iżda wkoll l-ispejjeż meħtieġa biex wieħed jaħdem fi 23 lingwa. Issa li l-Istituzzjonijiet differenti fil-biċċa l-kbira lestew ir-reklutaġġ mill-Istati Membri l-ġodda, in-numri tal-persunal għandhom jistabbilizzaw. Fil-fatt, sa mill-2007, il-Kummissjoni ilha topera politika ta' tkabbir żero, u qed tiffaċċja prijoritajiet ġodda permezz ta' riallokazzjoni ta' persunal eżistenti u ma titlob l-ebda persunal addizzjonali minbarra għall-konsegwenzi tat-tkabbir. Il-Kunsill, il-Parlament u istituzzjonijiet oħra talbu xi postijiet addizzjonali marbut mat-Trattat ta' Liżbona. It-tnedija tas-SEAE inizjalment se titlob postijiet addizzjonali bħala appoġġ għar-reklutaġġ ta' diplomatiċi tal-Istati Membri għalkemm fuq perjodu ta' żmien il-proċess kollu għandu jfittex li jkun newtrali mil-lat baġitarju.

Parti mill-ħidma sabiex jiġi definit il-pakkett li jmiss tal-qafas finanzjarju għandha tkun tiftixa rigoruża għal żieda fl-effiċjenza u l-prestazzjoni fir-riżorsi amministrattivi. Dan jimplika li għandu jiġi eżaminat kif ir-razzjonalizzazzjoni u l-użu ta' proċeduri, għodod u riżorsi jistgħu jillimitaw l-ispiża tal-azzjoni għall-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE. Pereżempju, il-Kummissjoni għadha kif nediet analiżi importanti tal-użu tagħha tal-IT, maħsuba sabiex issaħħaħ il-prestazzjoni u tipprovdi ffrankar. Dan jista' jwassal għal iffrankar komuni permezz tal-iżvilupp ta' sistemi tal-IT komuni jew kondiviżi għall-istituzzjonijiet kollha. Koperazzjoni

interistituzzjonali simili tista' ġġib magħha benefiċċji f'oqsma bħat-traduzzjoni jew il-ġestjoni tad-dokumenti. Qasam ieħor huwa t-tfassil tal-programmi tal-infiq infushom, fejn i-piż amministrattiv kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-imsieħba għandu jkun kunsiderazzjoni imporanti. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tkompli tirrialloka l-persunal sabiex tiffoka fuq il-prijoritajiet, tnaqqas l-ispejjeż fissi u żżid in-numru ta' dawk li jaħdmu fuq il-politika. Il-Kummissjoni se tirrevedi n-nefqa amministrattiva tagħha – u dik tal-aġenziji – bħala parti mill-preparazzjoni tagħha għall-qafas finanzjarju li jmiss sabiex jiġu identifikati modi kif jiġu ffaċċjati sfidi ġodda mir-riżorsi eżistenti, inkluż li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn li jiġu implimentati l-programmi b'mod effettiv u li jiġu limitati l-ispejjeż amministrattivi.

Globalment, se jkollha tiġi eżerċitata dixxiplina stretta mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE sabiex jiġi żgurat li n-nefqa amministrattiva tinżamm limitata fil-futur.

4. BAĠIT LI JAGĦTI R-RIŻULTATI

Infiq immirat tajjeb huwa indispensabbli iżda mhux biżżejjed. L-infiq irid ukoll isir b'mod li jkun imfassal biex jagħti r-riżultati. Biex l-investiment tal-pubbliku fil-baġit tal-UE jrendi, il-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi finanzjarji trid tiġi mfassla mill-ġdid sabiex l-effikaċja tkun fuq nett fuq l-aġenda.

4.1. L-użu tal-baġit sabiex jiġi mmobilizzat l-investiment

L-impatt tal-baġit tal-Ue jista' jiġi mkabbar aktar ma jkun jista' jintuża sabiex jimmobilizza kemm fondi u kif ukoll finanzjament f'appoġġ għal investimenti strateġiċi bl-ogħla valur miżjud Ewropew. Strumenti finanzjarji innovattivi jistgħu jipprovdu fluss ġdid u importanti ta' finanzjament għall-investimenti strateġiċi. In-norma għall-proġetti b'potenzjal kummerċjali fit-tul għandha tkun li l-fondi tal-UE jintużaw fi sħubija mas-setturi privati u bankarji, partikolarment permezz tal-Bank Ewropew għall-Investiment (EIB), iżda wkoll ma' msieħba oħra inklużi l-banek tal-iżvilupp fl-Istati Membri u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD). Dan jitlob koordinazzjoni mill-qrib mill-bidu nett bejn l-esperti tekniċi tal-Kummissjoni u tal-banek: il-loġika ta' dan l-approċċ hija li l-proġetti huma appoġġjati abbażi ta' applikazzjoni kompetittiva mill-promoturi tal-proġetti, b'enfasi fuq il-valur miżjud tal-UE.

Il-BEI għamel kontribuzzjoni maġġuri għar-rispons Ewropew għall-kriżi ekonomika. Issa huwa se jkollu rwol ewlieni fir-riforma tal-ekonomija Ewropea f'oqsma bħat-teknoloġija ħadra, l-infrastruttura u s-sigurtà tal-enerġija. Dan jista' jindika l-ħtieġa li jiġi ottimizzat l-użu tal-kapital tal-BEI, inkluż żieda fl-użu tal-mekkaniżmi tal-qsim tar-riskju sabiex tiġi permessa mobilizzazzjoni akbar tar-riżorsi tal-Bank u sabiex tiżdied is-saħħa tal-azzjoni tal-Bank. Il-Kummissjoni u l-BEI diġà rnexxielhom jiżviluppaw b'suċċess numru ta' strumenti finanzjarji komuni. Li jinġiebu flimkien l-għotjiet mill-baġit tal-UE u s-self tal-BEI u istituzzjonijiet finanzjarji oħra għamilha possibbli li jiġi ttripplat l-impatt finanzjarju tal-infiq estern tal-UE billi ġibed ammonti ħafna ikbar ta' investiment minn istituzzjonijiet finanzjarji. Dan għandu jiġi estiż sabiex isir in-norma f'oqsma ta' potenzjal kummerċjali fit-tul, b'regoli ġodda li jirregolaw l-istrumenti mħallta.

B'mod ġenerali, il-programmi ta' nfiq jenħtieġ li jkunu sensittivi għall-ħtiġijiet tal-finanzjament privat – bħal f'termini ta' żmien meħtieġ u l-proċeduri diffiċili – preċiżi f'dak li jridu jiksbu, u deċiżi dwar meta l-UE għandha tirtira min proġetti li jkunu qegħdin jilħqu l-vijabbiltà kummerċjali. L-UE għandha tkun aktar lesta li tħares lejn sorsi ta' dħul miġbura minn utenti tal-infrastruttura bħal ħlasijiet marbuta mal-użu bħala mezz kif jiġu limitati l-ispejjeż fit-tul għall-kontribwenti. B'mod simili, aktar ma jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni,

aktar jiġi ġġenerat dħul sabiex jikkontribwixxi għall-investimenti meħtieġa sabiex jinkisbu miri strateġiċi bħall-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija. L-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu ffukati fuq li jindirizzaw imperfezzjonijiet identifikabbli tas-suq filwaqt li jqisu l-istat tas-swieq finanzjarji nazzjonali, l-ambjent legali u regolatorju u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji.

L-istrument finanzjarju l-ġdid għall-implimentazzjoni tal-baġit irid ikun intelligenti, integrat u flessibbli. Huma jistgħu jindirizzaw ħtiġijiet differenti ta' politika iżda bl-użu ta' strumenti konsistenti. Il-liġijiet tal-finanzjament huma essenzjalment l-istess, indipendentement mis-settur involut: il-kumpaniji u l-proġetti fi stadji differenti ta' żvilupp jeħtieġu l-ekwità, jew dejn, jew taħlita tat-tnejn. Il-firxa ta' strumenti finanzjarji tal-baġit tal-UE meħtieġa hija essenzjalment ta' żewġ tipi u tista' tiġi pprovduta permezz ta' żewġ mekkaniżmi ġenerali li jintużaw mill-programmi ta' nfiq differenti, Mekkankiżmu tal-Pjattaforma tal-Ekwità tal-UE u Mekkaniżmu tal-Pjattaforma tal-Qsim tar-Riskju tal-UE (inklużi l-garanziji). Meta wieħed iħares lejn l-għażla tal-garanziji tas-self bħala waħda mill-għażliet għall-istrumenti finanzjarji innovattivi, l-implikazzjonijiet tal-mobilizzazzjoni ta' flus oħra mal-baġit tal-UE għandhom jiġu analizzati bir-reqqa sabiex jiġi rrispettat il-limitu massimu tar-riżorsi proprji, partikolarment fid-dawl tal-iskemi eżistenti ta' garanzija. Użu aktar ġenerali tal-baġit tal-UE bħala strument sabiex jiġi ggarantit is-self u l-bonds ikun jitlob li jittieħed kont xieraq tal-kapaċità li jiġu sottoskritti dawn il-garanziji.

4.2. Bonds ta' proġetti tal-UE

Il-potenzjal tal-istrumenti innovattivi tal-finanzjament u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-ekonomija Ewropea llum ġew flimkien fl-idea tal-bonds tal-proġetti tal-UE. L-ekonomija tal-UE hija dipendenti ħafna fuq l-infrastruttura, f'oqsma bħall-enerġija, it-trasport u l-ICT. L-objettivi tal-Ewropa 2020 għall-modernizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea se jitolbu investiment kbir ħafna[10]. L-UE diġà tista' tgħin proġetti bħal dawn billi tipprovdi direzzjoni strateġika konsistenti għall-investituri li jieħdu d-deċiżjonijiet għal ħafna snin fil-futur, u billi tipprovdi l-qafas finanzjarju tajjeb. Iżda wara l-kriżi finanzjarja, l-investituri għadhom qed jibqgħu lura. Il-proġetti ta' interess strateġiku ewlieni għall-UE qed isibuha impossibbli li jakkwistaw l-investiment meħtieġ. Il-baġits nazzjonali mhumiex f'pożizzjoni li jieħdu f'idejhom il-finanzjament ta' dawn il-proġetti, u fil-fatt qed ifittxu soluzzjonijiet alternattivi sabiex iġorru responsabbiltà akbar għall-infrastruttura. It-tidwim tal-proġetti jista' jċaħħad lill-UE mill-benefiċċji ekonomiċi u oħrajn mill-infrastruttura, u joħloq riskju ta' soluzzjonijiet aktar għaljin fil-futur.

Il-bonds tal-proġetti tal-UE jkunu mfassla sabiex isewwu dan in-nuqqas, sabiex jagħtu kunfidenza biżżejjed biex proġetti importanti ta' investiment jiġbdu l-appoġġ li jeħtieġu. Il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-istituzzjonijiet il-kbar l-oħra diġà qed jagħmlu kontribuzzjoni kbira permezz tas-self dirett tagħhom u l-BEI b'mod partikolari rrispondiet għall-kriżi bi tnaqqis kbir fl-iskala tas-self. Iżda d-daqs tal-isfida tal-infrastruttura huwa tali li l-UE jenħtiġilha tgħin sabiex jiġi utilizzat finanzjament privat.

---

[10] Bħala eżempji: sal-2020, huwa stmat li huma meħtieġa EUR 500 bn għall-implimentazzjoni tal-programm TEN-T u bejn EUR 38 – 58 bn u EUR 181 – 268 bn sabiex jinkisbu l-miri tal-Kummissjoni għall-broadband. Fis-settur tal-enerġija, huwa stmat li l-ammont meħtieġ għan-netwerks tad-distribuzzjoni u l-grids intelligenti huwa EUR 400 bn, li l-ammont meħtieġ għan-netwerks tat-trażmissjoni u l-ħżin huwa EUR 200 bn oħra, u li EUR 500 bn huma meħtieġa sabiex tiġi mtejba l-kapaċità ta' ġenerazzjoni eżistenti u tiġi miżjuda kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida, partikolarment fl-enerġija rinnovabbli, bejn issa u l-2020.

Dan jista' jinkiseb bl-użu ta' approprjazzjonijiet mill-baġit tal-UE f'appoġġ għal proġetti sal-punt meħtieġ sabiex tissaħħaħ il-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħhom, u b'hekk jiġi attratt finanzjament mill-BEI, istituzzjonijiet finanzjarji oħra, u investituri privati tas-suq tal-kapital bħal fondi tal-pensjonijiet u kumpaniji tal-assigurazzjoni. Il-garanziji tal-UE u/jew il-BEI jinħarġu favur strumenti speċjali mwaqqfa mis-settur privat sabiex jiġbdu finanzjament tas-swieq kapitali għall-proġett. Il-proġetti li jibbenefikaw minn din il-faċilità jkunu jridu juru li hemm interess strateġiku tal-UE, u fl-istess ħin jissodisfaw ċerti kriterji għall-vijabbiltà. Għalhekk, l-appoġġ ma jistax jiġi preallokat fuq l-Istati Membri jew setturi iżda jmur lejn dawk il-proġetti li jirnexxilhom jiksbu finanzjament xieraq mis-settur privat. L-iskala taż-żmien għall-ħlas lura jkun jiddependi fuq stima tal-ammont ta' żmien meħtieġ biex il-proġett jilħaq il-vijabbiltà.

4.3. Proġetti fuq skala kbira

Teżisti kwistjoni partikolari li tirrigwarda proġetti ta' skala kbira li jeħtieġu kontribuzzjonijiet ta' bosta biljuni ta' Euro fuq perjodi twal. L-UE qed tikseb esperjenza konsiderevoli ta' proġetti bħal Galileo, ITER, u GMES. Dawn il-proġetti huma rikonoxxuti li għandhom importanza strateġika, u jista' jkollhom potenzjal kummerċjali fit-tul. Huma jeħtieġu kollaborazzjoni tranżnazzjonali biex jaħdmu. Madankollu, huma wkoll suġġetti għal infiq li jista' jaqbeż dak ippjanat b'ammont sinifikanti u l-governanza tagħhom ftit li xejn hi adattata għall-ġestjoni diretta mill-istituzzjonijiet tal-UE. L-inċertezzi baġitarji ftit li xejn huma kompatibbli mal-mod kif huwa ppjanat il-baġit tal-UE Approċċ alternattiv ikun li l-promoturi tal-proġetti jwaqqfu struttura ta' appoġġ bħala entità separata, bl-interess attiv tal-Uesabiex tiġi żgurata governanza effettiva, u li għaliha l-baġit tal-UE jkun jagħmel kontribut stabbli fil-forma ta' kontribuzzjoni annwali fissa mingħajr preżunzjoni li l-UE tħallas kwalunkwe flus li jkunu jonqsu.

4.4. L-inċentivizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi

Il-baġit tal-UE jista' jkun aġent qawwi favur ir-riforma – kif rikonoxxut fid-dibattitu kurrenti dwar l-użu tas-sanzjonijiet u l-inċentivi finanzjarji sabiex jiġi żgurat ir-rispett tal-Patt ta' Stabbilità u Tkabbir. Għalhekk, hemm kull raġuni biex din l-influwenza tintuża fi ħdan programmi li jiżguraw twettiq effettiv. L-ideat ippreżentati hawn fuq fir-rigward tal-politika tal-koeżjoni jistgħu jiġu applikati f'kuntesti oħra u jixterdu għal oqsma oħra ta' nfiq, u jiddefinixxu sett speċifiku ta' miri li fuqhom ikun jiddependi l-ħlas tal-fondi. Approċċi oħra jinkludu t-twarrib ta' riżerva għall-UE kollha fil-programmi kollha, jew li r-rati tal-kofinanzjament jiġu mmodulati skont il-prestazzjoni. F'dawn il-każijiet kollha, ikun essenzjali li jiġi żgurat trattament ġust tal-Istati Membri kollha, u t-trasparenza u l-awtomatiċità.

Dan jitlob approċċ differenti u għodod differenti. Il-programmi għandhom jipprovdu għad-definizzjoni ta' objettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jinkisbu, relevanti u b'limiti taż-żmien u kif ukoll għal indikaturi xierqa tal-prestazzjoni. Kriterji ċari ta' evalwazzjoni huma meħtieġa sakemm sistema ta' inċentivi tkun tista' tiffunzjona tajjeb, u hija meħtieġa wkoll evalwazzjoni sistematika u msaħħa. Applikati b'mod sistematiku u mingħajr dewmien, l-evalwazzjonijiet jista jkollhom rwol ewlieni fl-isforz globali sabiex jiġi mmassimizzat il-valur miżjud tal-infiq tal-UE.

4.5. Struttura li tirrifletti l-prijoritajiet

L-istruttura tal-baġit hija minnha nnifisha għodda importanti għall-komunikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-iskop tal-infiq u l-objettivi li għandhom jiġu milħuqa. Hemm benefiċċju

ovvju f'baġit li huwa fl-istruttura, u wkoll fil-bilanċ, jirrifletti l-prijoritajiet politiċi tal-UE. L-istruttura kurrenti għamlet xi progress f'dik id-direzzjoni, iżda pass ieħor ikun jew li jitnaqqas in-numru tal-intestaturi għall-minimu jew li l-baġit jiġi organizzat madwar l-istrateġija Ewropa 2020. L-ewwel alternattiva tista' tikkonsisti fi 3 intestaturi: Infiq intern, Infiq estern u Nfiq amministrattiv. It-tieni alternattiva tindika li tliet sottointestaturi jieħdu post l-Intestatura I – III kurrenti u jkopru politiki fejn iċ-ċentru tal-gravità jaqa' taħt it-tliet kurrenti tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, flimkien mar-raba' sottointestatura "interna" dwar il-politiki taċ-ċittadinanza. Dan ikun ikkumplimentat minn żewġ intestaturi finali, waħda li tkopri l-politiki esterni (l-Intestatura IV kurrenti) u oħra li tkopri l-amministrazzjoni.

4.6. It-tul tal-QFM

Qafas finanzjarju multiannwali jippermetti konsistenza u prevedibbiltà fit-tul. Huwa jiggarantixxi wkoll dixxiplina baġitarja u l-funzjonament tajjeb taċ-ċiklu baġitarju. Madankollu, kull qafas huwa r-riżultat ta' deċiżjonijiet politiċi li jenħtieġ li jirriflettu t-tibdil fil-preferenzi politiċi.

L-aħħar tliet oqfsa finanzjarji ġew konklużi għal perjodu ta' seba' snin. Il-Parlament Ewropew[11] flimkien ma' xi wħud mill-parteċipanti fil-konsultazzjoni pubblika kienu tal-fehma li dan it-tul ta' żmien kellu jitnaqqas għal ħames snin. Raġuni ewlenija kienet sabiex it-tul jiġi allinjat mat-terminu tal-Parlament Ewropew u mal-mandat tal-Kummissjoni. Perjodu ta' ħames snin jippermetti lil kull Kummissjoni sabiex tipproponi u lil kull Parlament biex jinnegozja qafas, anki jekk dawn ma jilħqux jaraw l-implimentazzjoni tal-qafas. Perjodu ta' ħames snin iġib miegħu wkoll xi vantaġġi f'termini tal-abbiltà li jiġu riflessi ħtiġijiet ġodda, u xi żvantaġġi f'termini ta' perjodi ta' żmien meħtieġa għall-ippjanar: perjodi itwal mhux biss jippermettu lill-programmi sabiex jagħmlu tibdiliet iktar profondi, iżda jista' jkun li huma aktar kompatibbli max-xejriet tal-investiment tas-settur privat. Għażla oħra mmirata fuq id-dati speċifiċi kkonċernati tkun perjodu ta' seba' snin b'reviżjoni maġġuri wara ħames snin, li jippermetti riallokazzjoni finali mmirata speċifikament lejn l-Ewropa 2020. Dan espliċitament jevita li jippreġudika l-futur.

Madankollu, l-aktar soluzzjoni attraenti tista' tkun perjodu ta' għaxar snin, iżda b'reviżjoni sostanzjali f'nofs il-perjodu ("5+5"). Taħt dan l-approċċ, ikun hemm opportunità għal riprijoritizzazzjoni maġġuri. Il-limiti massimi globali u l-istrumenti globali ewlenin ikunu ffissati għal għaxar snin. Iżda d-distribuzzjoni tar-riżorsi fi ħdan l-intestaturi, u l-prijoritizzazzjoni fi ħdan il-programmi u l-istrumenti, tibqa' miftuħa għal rivalutazzjoni. Approċċ wieħed ikun li dan jiġi ffaċilitat permezz ta' żamma ta' riżervi u marġini sostanzjali fil-partijiet kollha tal-baġit.

4.7. Nirrispondu għat-tibdil fiċ-ċirkostanzi

Wieħed mill-kompromessi l-aktar diffiċili li jridu jinstabu fil-baġit huwa dak bejn il-prevedibilità u l-flessibilità. Iżda huwa ċar li l-baġit kurrenti rriżulta inflessibbli wisq sabiex jiffaċċja l-pressjoni tal-iżviluppi. Ħtiġijiet pressanti sabiex l-UE tirrispondi għal żviluppi esterni miz-tsunami u l-Lvant Nofsani, segwiti mill-ħtieġa qawwija ta' reazzjoni għall-kriżi ekonomika, kixfu n-nuqqasijiet tal-approċċ kurrenti. Meta l-immirar tajjeb huwa daqshekk kruċjali għall-infiq effettiv, u meta t-tibdil fiċ-ċirkostanzi qed jimponi tibdil fil-prijoritajiet, huwa ċar li r-riġidità tal-baġit tagħmel ħsara għall-kwalità tal-infiq. Huwa ġust li l-Parlament

[11] Ir-Riżoluzzjoni tal-25 ta' Marzu 2009 dwar ir-reviżjoni ta' nofs il-perjodu tal-qafas finanzjarju 2007-2013 [INI/2008/2055 – P6_TA(2009)0174].

Ewropew u l-Kunsill jeżerċitaw l-iskrutinju xieraq tal-bidliet fid-direzzjoni tal-infiq. Iżda l-grad sa liema jista' jsir it-tibdil, u l-proċeduri li bihom dan l-iskrutinju jiġi eżerċitat, it-tnejn jeħtieġu riforma. L-esperjenza tissuġġerixxi li s-soluzzjoni ovvja taż-żieda fil-marġini ma rriżultatx bħala possibbli quddiem pressjonijiet biex jiġi riallokat l-infiq. Għaldaqstant, jista' jintlaħaq ftehim dwar perċentwal fiss – pereżempju 5%, bħala figura obbligatorja. Din iċ-ċifra tista' wkoll tiġi stabbilita għal livell aktar baxx għall-ewwel ħames snin tal-perjodu finanzjarju u għal livell għola għall-ħames snin li jibqa' tal-perjodu finanzjarju, jew tkun tiżdied minn sena għal sena. Dan jagħti l-possibiltà li prijoritajiet ġodda jitqiesu aħjar fl-okkażjoni tar-reviżjoni ta' nofs il-perjodu. Mezzi oħra sabiex tiżdied il-flessibilità jinkludu:

– Flessibilità fir-riallokazzjoni biex isir it-trasferiment bejn l-intestaturi f'sena partikolari, sa limitu speċifiku;

– Possibiltà li marġini mhux użati jiġu trasferiti minn sena għal oħra - għal darba oħra sa limiti maqbula;

– Il-libertà li l-infiq isir fil-biċċa l-kbira tiegħu lejn il-bidu jew lejn l-aħħar fi ħdan il-pakkett multiannwali tal-intestatura għal azzjoni kontroċiklika u rispons sinifikattiv għal kriżijiet maġġuri;

– Żieda fid-daqs, jew fil-firxa, tal-Istrument tal-Flessibiltà eżistenti u r-Riżerva tal-Għajnuna ta' Emerġenza, u amalgamazzjoni possibbli bejniethom.

Il-ftehim ta' flessibiltà kurrenti ta' 0,03% miftiehem b'maġġoranza kwalifikata għandu wkoll jinżamm bħala miżura ta' sikurezza importanti li tippermetti devjazzjonijiet limitati mil-limiti massimi previsti.

Dawn il-bidliet kollha għandhom jakkumpanjaw mod ta' ħsieb differenti. L-enfasi għandu jiġi trasferit minn allokazzjonijiet finanzjarji permanenti u predeterminati għall-użu ta' riżorsi skarsi tal-UE għal investimenti strateġiċi ta' tul limitat, u li jiġi mistenni li li wieħed jirċievi l-fondi jkun jiddependi fuq il-prestazzjoni.

4.8. Simplifikazzjoni u mminimizzar ta' piżijiet amministrattivi mhux neċessarji

Il-konsultazzjoni pubblika tat messaġġ ċar li l-proċeduri ta' implimentazzjoni u r-rekwiżiti ta' kontroll huma kkumplikati wisq u jistgħu jkunu diżinċentiv reali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE. L-UE għandha responsabbiltà li tiżgura li l-fondi jintefqu tajjeb, iżda tista' wkoll tieħu serje ta' miżuri li jnaqqsu l-piż amministrattiv għar-riċevituri tal-fondi, u tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi tal-UE – u b'hekk tagħmilha possibbli li parti akbar mir-riżorsi jiġu diretti lejn l-iskop aħħari:

– L-UE għandha regoli finanzjarji komuni fir-Regolament Finanzjarju tagħha. Iżda r-regoli u l-proċeduri implimentattivi jistgħu jvarjaw konsiderevolment minn strument ta' politika għal ieħor. Għandu jintlaħaq qbil dwar sett ċar ta' prinċipji komuni sabiex id-differenzi jitnaqqsu għal dak li hu strettament neċessarju. Li jintrabtu flimkien strumenti differenti f'qafas ta' implimentazzjon komuni huwa mod tajjeb kif il-punt ta' interazzjon taċ-ċittadini, in-negozji, partikolarment l-SMEs, u l-gvernijiet jiġi megħjun permezz tal-baġit tal-UE.

– Il-proposta riċenti tal-Kummissjoni sabiex jiġi revedut ir-Regolament Finanzjarju fiha miżuri ambizzjużi sabiex jiġu stabbiliti regoli finanzjarji ssimplifikati. Dan għandu jiġi investigat aktar sabiex ikun jista' jipprovdi għal proċeduri eħfef għal għotjiet iżgħar (limiti

minimi jistgħu jiġu stabbiliti f'livell ogħla għal proġetti żgħar bħal dawn), u għal użu akbar ta' ħlasijiet ta' darba, u wkoll għal skemi bbażati fuq il-prestazzjoni.

4.9. Niżguraw ġestjoni finanzjarja tajba

L-infiq pubbliku jitlob kontroll effettiv, effiċjenti u proporzjonat. Huwa għandu jipprovdi l-assigurazzjoni neċessarja għaċ-ċittadini u r-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill li l-baġit tal-UE qed jintefaq tajjeb. Iżda hemm punt fejn il-piż tal-kontrolli jħassar l-effikaċja tal-programm. Approċċ aktar modulat għall-kontrolli mitluba fl-Istati Membri differenti, u fehim komuni tar-riskju tollerabbli ta' żbalji f'oqsma differenti ta' politika, it-tnejn li huma jgħinu sabiex jintlaħaq il-bilanċ korrett.

Fi żminijiet riċenti, il-Kummissjoni ddedikat ħafna attenzjoni sabiex iżżid l-effikaċja tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, b'objettiv li tinkiseb Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mingħajr kwalifika mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-riżultati huma pożittivi iżda jista' jsir aktar, b'mod partikolari permezz ta' ħidma mal-Istati Membri li jimplimentaw parti importanti mill-baġit f'ġestjoni maqsuma mal-Kummissjoni. Is-sistema li l-ħlasijiet jiġu bbażati fuq dikjarazzjoni tal-ħlasijiet mill-Istati Membri, minflok milli fuq l-infiq tal-benefiċjarji – kif użat illum għall-infiq tal-PAK – tagħmel il-proċess tal-kontrolli aktar lokali u tippermetti aktar allinjament mal-proċeduri nazzjonali eżistenti. Din tkun proċedura aktar ċara u regolari miċ-ċentralizzazzjoni tal-kontrolli fuq il-livell tal-UE. Hija tista' tkun marbuta ma' dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni affidabbli nazzjonali sabiex tiġi ssottolineata r-responsabbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi li jiġġestixxu riżorsi tal-UE.

Li jiġi miżjud l-ammon ta' fondi mgħoddija permezz ta' strumenti finanzjarji jkun ifisser tibdiliet profondi fil-mod kif il-Kummissjoni tiġġestixxi n-nefqa tal-baġit tagħha. Il-Kummissjoni se tiddelega dejjem aktar id-dmirijiet tal-implimentazzjoni tal-baġit u tikkopera ma' istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin bħall-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)[12]. Dan joħloq il-ħtieġa li jiġu allinjati aspetti ċentrali tat-tfassil u l-ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji, sabiex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn approċċ komuni fir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-imsieħba tagħha fil-finanzjament, b'ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-UE, u li tinżamm il-flessibilità meħtieġa fuq il-livell tal-implimentazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-politiki jitwettqu b'mod effettiv. Dan iġib ukoll viżibilità politika akbar, effiċjenza amministrattiva permezz tas-simplifikazzjoni, rappurtar u monitoraġġ simplifikat, u fl-aħħar nett evalwazzjoni eħfef minn strument għal ieħor.

5. IL-BAĠIT TAL-UE BĦALA GĦODDA SABIEX TIĠI APPOĠĠJATA L-GOVERNANZA EKONOMIKA

L-isforz għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Unjoni Ewropea jitlob approċċ sħiħ. Dan jinsab fil-qalba tal-istrateġija Ewropa 2020. L-istabbiltà makroekonomika u r-riformi strutturali mhumiex alternattivi, iżda imperattivi li jirrinfurzaw ukoll lil xulxin. Huwa għalhekk naturali li ssir konnessjoni bejn il-baġit tal-UE u t-tisħiħ tal-governanza ekonomika.

---

[12] L-istrumenti finanzjarji mhumiex se jkunu implimentati esklussivament permezz tal-BEI, iżda l-BEI se jkollu rwol katalitiku ewlieni sabiex jiġbed sorsi pubbliċi u privati oħra ta' finanzjament.

Il-Kummissjoni stabbiliet varjetà ta' miżuri maħsuba sabiex tiġi rriformata l-governanza ekonomika u sabiex din issir aktar effettiva[13]. Hija se timxi 'l quddiem b'dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest tad-dibattitu dwar il-governanza ekonomika wara l-Kunsill Ewropew ta' Ottubru.

6. INQISU T-TKABBIR

It-tkabbir futur inevitabilment se jkollu impatt fuq il-baġit tal-UE, kemm f'termini ta' żidiet potenzjali fid-dħul kif ukoll f'termini ta' impenji għall-infiq. Filwaqt li l-Istati Membri l-ġodda se jżidu l-PGD kumulat u joħolqu opportunitajiet ġodda għall-espansjoni ekonomika, huma se jsiru eliġibbli wkoll għall-fondi strutturali u għal fondi oħrajn. Iż-żmien li fih isiru l-adeżjonijiet jiddependi fuq kemm il-kandidati jistgħu jissodisfaw il-kriterji neċessarji malajr. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006 impenja ruħu li ma jistabbilixxix miri għal dati tal-adeżjoni sakemm in-negozjati ma jkunux waslu biex jintemmu. Għalhekk, il-qafas finanzjarju l-ġdid ma għandu jantiċipa l-ebda deċiżjoni politika dwar it-tkabbir futur li se tkun ibbażata fuq kemm pajjiż ikun lest għas-sħubija. Ladarba jintlaħaq qbil dwar l-adeżjonijiet u jiġu kkonfermati d-dati, il-qafas finanzjarju għandu jiġi aġġustat sabiex iqis il-ħtiġijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-eżitu tan-negozjati tal-adeżjoni.

7. RIFORMA TAL-FINANZJAMENT TAL-UE

Bħan-naħa tal-infiq tal-baġit, l-istruttura tan-naħa tal-finanzjament evolviet b'mod konsiderevoli matul iż-żmien. Il-kontribuzzjoni bbażata fuq id-DNG ħadet importanza li qiegħda tikber u issa tirrappreżenta tliet kwarti tal-baġit. Numru kbir ta' korrezzjonijiet u arranġamenti speċjali ġew introdotti matul iż-żmien, kemm fuq in-naħa tad-dħul, kif ukoll fuq in-naħa tal-infiq (xi wħud minn dawn il-mekkaniżmi jintemmu awtomatikament fl-2013). In-negozjati tal-baġit riċentement ġew influwenzati b'mod qawwi mill-fatt li l-Istati Membri ffokaw fuq il-kunċett tal-pożizzjonijiet netti bil-konsegwenza li ġew iffavoriti strumenti b'pakketti finanzjarji preallokati ġeografikament, minflok dawk bl-akbar valur miżjud għall-UE.

Il-konsultazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-baġit uriet li dawk interessati huma kritiċi ħafna dwar is-sistema kurrenti ta' finanzjament tal-baġit tal-UE. Is-sistema kurrenti hija perċepita bħala waħda li mhix faċli biex tifhimha u li hi kumplessa żżejjed, li mhix ġusta biżżejjed – partikolarment fir-rigward tal-korrezzjonijiet – u li tiddependi wisq fuq riżorsi li huma perċepiti bħala nfiq li għandu jiġi mminimizzat mill-Istati Membri. Bl-eċċezzjoni tad-dazji tad-dwana li jiġu mill-unjoni doganali, ir-riżorsi eżistenti ma juru l-ebda rabta ċara mal-politiki tal-UE.

Għandu jkun enfasizzat li dan mhux argument dwar id-daqs tal-baġit – huwa dibattitu dwar it-taħlita korretta ta' riżorsi. L-introduzzjoni progressiva ta' riżorsa ġdida tiftaħ il-bieb għat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni, gradwali jew immedjata, ta' riżorsi oħra.

Saru proposti għal riforma tan-naħa tal-finanzjament minn akkademiċi, gvernijiet, organizzazzonijiet mhux governattivi u mill-Parlament Ewropew. Il-Parlament adotta rapport

[13] It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika għall-istabbiltà, it-tkabbir u l-impjiegi – Għodod għal governanza ekonomika aktar b'saħħitha tal-UE – COM(2010) 367.

fl-2007 li janalizza s-sistema kurrenti tar-riżorsi proprji u ssuġġerixxa firxa wiesgħa ta' riżorsi proprji possibbli ġodda[14].

L-introduzzjoni ta' fażi ġdida fl-evoluzzjoni tal-finanzjament tal-UE tista' tinkludi tliet dimensjonijiet marbuta mill-qrib ma' xulxin – is-simplifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, l-introduzzjoni ta' riżorsa proprja waħda jew aktar u t-tneħħija progressiva tal-mekkaniżmi kollha ta' korrezzjoni. Filwaqt li jiddaħħlu t-tibdiliet, għandhom jinżammu elementi essenzjali tas-sistema ta' finanzjament tal-UE: finanzjament stabbli u suffiċjenti tal-baġit tal-UE, rispett għad-dixxiplina baġitarja u mekkaniżmu sabiex jiġi żgurat baġit ibbilanċjat.

Simplifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri

Meta mqabbla mar-riżorsa proprja bbażata fuq id-DNG, ir-riżorsa proprja kurrenti bbażata fuq il-VAT ftit li xejn għandha valur miżjud. Sabiex tirrikrea bażi tat-taxxa komparabbli, hija tirriżulta minn kalkolu matematiku minflok ma tgħaddi direttament miċ-ċittadin għal għand l-UE. Għalhekk, hija tikkontribwixxi għall-kumplessità u l-opaċità tal-kontribuzzjonijiet. It-tmiem tar-riżorsa bbażata fuq il-VAT fil-forma kurrenti tagħha tissimplifika s-sistema tal-kontribuzzjonijiet b'mod parallel mal-introduzzjoni ta' riżorsa proprja ġdida.

L-introduzzjoni progressiva ta' riżorsa proprja waħda jew aktar ibbażata fuq il-politika:

Riżorsi proprji ġodda jistgħu jieħdu post ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT b'mod sħiħ u jnaqqsu l-iskala tar-riżorsa bbażata fuq id-DNG, meħuda direttament mit-teżori nazzjonali. L-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda tkun tirrifletti l-bidla progressiva tal-istruttura tal-baġit lejn politiki li huma eqreb lejn iċ-ċittadin tal-UE u li għandhom l-għan li jipprovdu benefiċċji pubbliċi Ewropej u valur miżjud tal-UE ogħla. Hija tkun tista' tappoġġja l-kisba ta' għanijiet ta' politika importanti tal-UE jew internazzjonali, pereżempju fir-rigward tal-iżvilupp, it-tibdil fil-klima jew is-swieq finanzjarji – u tkun marbuta mill-qrib magħhom.

Il-kriterji li ġejjin jidhru pertinenti meta wieħed iħares lejn riżorsi proprji ġodda possibbli:

- Huma għandhom ikunu marbuta aktar mill-qrib mal-*acquis u l-objettivi tal-UE* sabiex jiżdiedu l-koerenza u l-effikaċja tal-baġit tal-UE kollu kemm hu fil-kisba tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE. F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu l-Artikolu 2.2 tad-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji[15] li tgħid li "*Dħul li jiġi minn kull ħlas ġdid introdott fil-qafas ta' politika komuni għandu jikkostitwixxi riżorsi proprji mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea*."

- Huma għandhom ikunu transkonfinali fin-natura tagħhom, ibbażati fuq sistema li tkopri s-suq intern kollu.

- Għandu jkollhom bażi armonizzata sabiex jiżguraw applikazzjoni ugwali tar-riżorsi proprji madwar l-Unjoni.

- Jekk ikun fattibbli, id-dħul minn riżorsa ġdida għandu jinġabar direttament mill-UE b'mod indipendenti mill-baġits tal-UE.

---

[14] Il-Parlament Ewropew, Report on the future of the European Union's own resources (2006/2205(INI) Rapporteur A. Lamassoure).

[15] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom (7 ta' Ġunju 2007).

– Huma għandhom jiġu applikati b'mod ekwu u ġust, u ma jħarrxux il-kwistjoni tal-korrezzjonijiet.

– Għandu jitqies l-impatt kumulattiv fuq setturi partikolari.

– Huma għandhom ifittxu li jevitaw responsabbiltà amministrattiva qawwija ġdida għall-UE f'termini ta' ġbir.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-lista mhux eżawrjenti li ġejja ta' mezzi ta' finanzjament jistgħu jkunu kandidati possibbli għal riżorsi proprji li gradwalment jieħdu post il-kontribuzzjonijiet nazzjonali, u jħallu piż iżgħar fuq it-teżori nazzjonali.

– It-tassazzjoni tal-UE fuq is-settur finanzjarju

– Id-dħul tal-UE mill-irkantar taħt is-sistema tal-Kummerċ tal-Emissjonijiet tal-Gassijiet b'effett serra

– miżata tal-UE li tirrigwarda t-trasport bl-ajru

– VAT tal-UE

– Taxxa tal-enerġija tal-UE

– Taxxa fuq id-dħul tal-kumpaniji tal-UE

Kull waħda minn dawn il-mezzi ta' finanzjament għandha l-karatteristiċi partikolari tagħha u għandha vantaġġi u żvantaġġi[16]. Fid-dawl tal-kummenti riċevuti, il-Kummissjoni se tressaq proposti bħala parti mill-proposti globali tagħha dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss.

Ħidma dwar il-mekkaniżi ta' korrezzjoni

Il-Kunsill Ewropew ta' Fontainebleau tal-1984 stabbilixxa l-prinċipji bażiċi wara s-sistema: li "*l-politika tal-infiq hija fl-aħħar mill-aħħar il-mezz essenzjali li bih tiġi solvuta l-kwistjoni tal-iżbilanċi baġitarji", u li "kull Stat Membru li jsofri minn piż baġitarju li huwa eċċessiv fir-rigward tal-prosperità relattiva tiegħu jista' jibbenefika minn korrezzjoni fiż-żmien xieraq*." Infiq imsaħħaħ għat-tkabbir u l-impjiegi, l-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-projezzjoni esterna tal-interessi tal-Ewropa jnaqqsu l-ħtieġa li jinżammu mekkaniżmi ta' korrezzjoni. Il-kompożizzjoni tan-nefqa tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss u riformi oħra tas-sistema tar-riżorsi proprji se tiddetermina jekk il-mekkaniżmi ta' korrezzjoni humiex ġustifikati fil-futur.

8. KONKLUŻJONIJIET U L-PASSI LI JMISS

Din ir-Reviżjoni tal-Baġit tippreżenta l-ideat tal-Kummissjoni dwar l-arkitettura u l-iskop tal-baġit tal-UE. Hija tippreżenta viżjoni ta' baġit riformat impenjat li tassew jagħmel differenza: din se tkun l-ambizzjoni tal-Kummissjoni għall-proposti li se tagħmel għall-qafas finanzjarju l-ġdid is-sena d-dieħla. Dawn l-ideat huma bbażati fuq il-konvinzjoni li sal-2020 l-UE trid tkun ħadet passi deċiżivi biex tgħin lill-UE ssir soċjetà intelliġenti, sostenibbli u inklużiva.

[16] Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Sabiex nagħmlu dan, irridu nqiegħdu l-ekonomija Ewropea fit-triq it-tajba, sabiex nieħdu d-deċiżjonijiet il-kbar biex nittrasformaw l-infrastruttura tagħna, biex niksbu l-ħiliet li neħtieġu għall-futur, biex nasserixxu r-rwol ta' tmexxija globali tagħna, u biex inwaqqfu lid-diverġenzi li qed jiżdiedu fis-soċjetajiet tagħna milli jimminaw l-istabbilità fit-tul tagħha. Il-baġit tal-Unjoni għandna nħarsu lejh bħala wieħed mill-għodod komuni li huma għas-servizz ta' objettivi komuni. Fi żmien ta' pressjoni qawwija fuq il-finanzi pubbliċi, ma nistgħux inħarsu lejn il-baġit tal-UE u dawk nazzjonali bħala li qegħdin f'kompetizzjoni, iżda li qed isegwu l-istess objettivi fil-livelli li jistgħu jagħtu l-aħjar riżultati.

Il-baġits ta' għada għalhekk iridu jkunu ffukati fuq li jagħmlu impatt reali fuq it-twettiq tal-miri tagħna. Huma jridu jirrikonoxxu l-ħtieġa li nadattaw ruħna għal dinja li qed tinbidel malajr ħafna. Huma jridu jkunu ddixxiplinati fil-konċentrazzjoni tagħhom fuq ir-riżultati. Iridu jirriflettu l-ħtieġa għas-solidarjetà fit-twettiq tal-aġenda komuni tagħna. U jridu jiġu pprovduti bir-riżorsi tagħhom b'modi li ċ-ċittadini tagħna jifhmuhom u jirrikonoxxuhom bħala razzjonali u ġusti.

Il-mod li bidh il-baġit tal-UE jiġi implimentat jista' jiġi ssimplifikat u jsir aktar effettiv. Hemm ħtieġa għal aktar flessibilità sabiex il-baġit ikun jista' jirrispondi għat-tibdil fiċ-ċirkostanzi, u fl-istess ħin jappoġġja l-investimenti fit-tul. Fi żmien ta' limitazzjonijiet fiskali, strumenti finanzjarji aktar innovattivi jistgħu jintużaw sabiex il-baġit ikun jista' jwassal aktar, u sabiex l-impatt u l-firxa ta' proġetti ta' prijorità għolja tal-UE jstgħu jiġu rrealizzati.

L-immodernizzar tal-baġit tal-UE għandu għalhekk ikun iffukat fuq l-għażla tal-miri, fuq l-immassimizzar tal-benefiċċji minn kull ewro li jintefaq, u fuq it-tqegħid tal-baġit fil-kuntest tal-modi l-oħra li bihom l-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet tagħha u l-Istati Membri tagħha, jistgħu jqiegħdu lill-Ewropa fi triqtha lejn it-tkabbir u l-impjiegi għall-futur.

Fix-xhur li ġejjin, il-Kummissjoni se tittraduċi l-ideat u l-opinjonijiet ippreżentati f'din ir-Reviżjoni tal-Baġit fi proposti konkreti. Il-Kummissjoni hija ħerqana għal djalogu mal-Istituzzjonijiet l-oħra u ma' dawk li l-interessi tagħhom huma involuti dwar l-ideat u l-għażliet ippreżentati f'din ir-Reviżjoni. Dawn id-diskussjonijiet se jipprovdu input għal proposti f'Ġunju 2011 għal Qafas Finanzjarju Multiannwali li jkopri l-perjodu ta' wara l-2013. Dan se jinkludi proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Multiannwali u deċiżjoni qafas dwar ir-riżorsi proprji. Fit-tieni nofs tal-2011, il-Kummissjoni se tagħmel il-proposti leġiżlattivi meħtieġa sabiex jiġu implimentati l-politiki u l-programmi meħtieġa biex l-ambizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin ikunu jistgħu jiġu rrealizzati.